MALTA
NGĦIXU
S-SUĊĊESS

# DISKORS TAL-BAĠIT
# 2019

**EDWARD SCICLUNA**
MINISTRU GĦALL-FINANZI

Ministeru għall-Finanzi

# Diskors tal-Baġit

# 2019

L-Onor. Prof. Edward Scicluna
Ministru għall-Finanzi
Malta
22 ta' Ottubru, 2018

Ippublikat mill-
Ministeru għall-Finanzi,
Triq Nofsinhar,
Il-Belt Valletta
VLT 1102

Tel.: (+356) 25 99 82 59
Website: http://www.mfin.gov.mt

**Dejta tal-katalogar tal-pubblikazzjoni**

**Malta.** *Ministeru għall-Finanzi*
Diskors tal-Baġit, 2019 / Edward Scicluna.
Valletta : Ministeru għall-Finanzi, 2018

ISBN: 978-99957-58-33-2

1. Baġit – Malta
I. Titlu II. Edward Scicluna

Din il-Publikazzjoni tista' tinxtara mid-

Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja
Il-Belt Valletta
VLT 2000

Tel.: (+356) 22 00 17 00

Mitbugħ fl-Stamperija tal-Gvern
Prezz: €2.00

# Werrej

1. INTRODUZZJONI ........................................................................ 1
1.1 Il-Qagħda ekonomika u finanzjarja ........................................ 4
1.2 Tbassir tal-andament tal-ekonomija u l-finanzi pubbliċi ........... 5
2. TQASSIM TAL-ĠID ........................................................................ 10
2.1 Kumpens għall-għoli tal-ħajja ................................................ 10
2.2 Żieda ta' ġurnata oħra ta' *leave* ............................................ 10
2.3 Aġġustament għall-impjegati li jitħallsu l-Paga Minima .......... 11
2.4 Żieda fiċ-*Children's Allowance* għall-familji bid-dħul taħt l-€20,000 ........................................................................ 11
2.5 Aktar tnaqqis ta' taxxi għal kull min jaħdem ........................... 12
2.6 Aġġustament għal ħelsien mit-taxxa għal persuni singoli ........ 12
2.7 *Self-employed* bi dritt ġdid għal kumpens ta' diżimpjieg.......... 12
2.8 Benefiċċji għal membri tal-forzi tas-sigurta` kollha f'każ ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol ............................................... 13
2.9 Żieda fil-ħlas tal-Għajnuna Medika .......................................... 14
2.10 Żieda fil-pensjonijiet ................................................................ 14
2.11 Aġġustament għal ħelsien mit-taxxa fuq pensjonijiet ............. 15
2.12 Pensjonanti tas-Servizz ........................................................... 15
2.13 Għotja ta' €300 fis-sena ........................................................... 16

2.14 *Bonus* għal min ħallas il-kontribuzzjonijiet imma m'għandux pensjoni ........ 17

2.15 Inkomplu nħeġġu aktar persuni jibqgħu fis-suq tax-xogħol ..... 17

2.16 Inkomplu nindirizzaw l-inġustizzji tal-imgħoddi ........ 18

2.17 *Government Savings Bonds* għall-pensjonanti ........ 18

2.18 Aktar għajnuna lil Persuni b'Diżabilita` ........ 19

2.19 Żieda fl-*allowance* għat-Tfal b'Diżabilita` ........ 20

2.20 Estenzjoni fl-*Allowance* Miżjud għall-*Carers* ........ 20

2.21 Titjib fl-inċentivi fiskali għal pensjonijiet privati ........ 21

2.22 Rifużjoni ta' taxxa għal min jibgħat it-tfal fi skejjel indipendenti ........ 22

2.23 Għotja fuq xiri u installazzjoni ta' impjanti ta' *Reverse Osmosis* fid-djar ........ 22

2.24 Għotja fuq spejjeż tat-Tieġ ........ 23

2.25 Rata inqas ta' VAT fuq kotba elettroniċi u għotja fuq xiri ta' strumenti mużikali ........ 23

2.26 Konċessjoni għat-trasferiment ta' negozju ........ 24

2.27 *Ex-gratia payment* ........ 24

3. IL-*HOUSING* U S-SUQ TAL-PROPRJETÀ ........ 29

3.1 Benefiċċju tal-kera – djar soċjali u djar affordabbli ........ 30

3.2 Skema inċentivi sidien għal min jikri proprjeta` bi prezz moderat u perjodu fit-tul ........ 31

3.3 Skema ta’ *Equity Sharing* .......... 31

3.4 *Housing* Soċjali .......... 32

3.5 Riġenerazzjoni ta’ propjeta` dilapitata .......... 32

3.6 Proġetti speċjali .......... 32

3.7 Riġenerazzjoni tal-Oqsma tad-Djar .......... 33

3.8 Ri-organiżżazzjoni tal-Awtorita’ tad-Djar .......... 33

3.9 Estensjoni ta’ skemi eżistenti .......... 33

3.10 Faċilitajiet ta’ *Equity Release* .......... 34

4. NINDIRIZZAW L-INFRASTRUTTURA TAT-TOROQ .......... 35

4.1 Tkomplija tal-proġetti ta’ toroq .......... 36

4.2 Trasport Pubbliku .......... 37

4.3 Tal-Linja Card b’xejn .......... 38

4.4 Trasport kollettiv b’xejn lejn u mill-iskola għall-iskejjel kollha ta’ Malta u Għawdex .......... 38

4.5 Għotja fuq xiri ta’ roti, roti tal-elettriku *(pedelec bicycles)* u muturi .......... 39

4.6 Investiment f’mezzi ta’ trasport alternattiv .......... 39

4.7 Inċentivi għal xiri ta’ vetturi aktar idonji għall-ambjent .......... 39

4.8 Skemi Oħrajn .......... 40

5. NINVESTU FL-AMBJENT .......... 41

5.1 Trattament tal-Iskart .......... 42

5.2 Introduzzjoni ta’ Skema fuq ġbir ta’ kontenituri tax-xorb ........ 42
5.3 Ambjent li jixraq għaż-żmien tal-llum ...................................... 43
5.4 Il-qasam Agrikolu u tas-Sajd ................................................... 44
5.5 Enerġija u Ilma ......................................................................... 45
5.6 Enerġija .................................................................................... 46
5.7 Ilma .......................................................................................... 47
6. INSAĦĦU L-KOMPETITTIVITÀ ......................................................... 49
6.1 Taxxa fuq il-Kumpaniji ............................................................. 49
6.2 Strateġija kontra l-Ħasil ta’ Flus ............................................... 50
6.3 Il-Bank Malti ta’ Żvilupp ........................................................... 51
6.4 Ħidma mill-Borża ta’ Malta ...................................................... 52
6.5 Is-settur tas-Servizzi Finanzjarji ............................................... 52
6.6 Inkomplu nibnu fuq l-Istrateġija għat-teknoloġija tal-*Blockchain* ........................................................................... 53
6.7 *Tech.mt* .................................................................................. 54
6.8 Żviluppi fil-qasam tal-*iGaming* ................................................ 55
6.9 Is-settur tal-Manifattura ........................................................... 55
6.10 Brexit ....................................................................................... 56
6.11 Att dwar il- *Free Zones* .......................................................... 56
6.12 Assistenza għal *Start-Ups* ....................................................... 56
6.13 Air Malta .................................................................................. 57

6.14 Turiżmu ........ 58

6.15 Avjazzjoni ........ 60

7. INTERN; ĠUSTIZZJA u GĦAWDEX ........ 66

7.1 Kunsilli Lokali ........ 66

7.2 Indafa ........ 67

7.3 Twaqqif ta' Aġenzija tal-Kuntratti ........ 67

7.4 Aktar investiment fid-Dwana ........ 68

7.5 Tisħiħ tas-sigurtà tal-pajjiż ........ 68

7.6 Aktar titjib fil-Faċilitajiet korrettivi ........ 70

7.7 L-Immigrazzjoni Irregolari ........ 71

7.8 Titkompla r-Riforma fil-Qrati ........ 71

7.9 Ċittadinanza ........ 72

7.10 Ħidma barra minn Xtutna ........ 74

7.11 Inkomplu ninvestu f'Għawdex ........ 74

7.12 Aktar għajnuna finanzjarja għal pazjenti li jridu jivvjaġġaw bejn iż-żewġ Gżejjer ........ 75

7.13 Aktar għajnuna finanzjarja għall-impjegati Għawdxin li jaħdmu mal-Gvern u jridu jivjaġġaw bejn iż-żewġ Gżejjer ........ 75

7.14 Estensjoni tal-*Gozitan Works Subsidy* ........ 76

7.15 Aktar għajnuna għall-studenti Għawdxin li jistudjaw u jgħixu Malta ........ 76

7.16 Inċentiv għall-ħolqien ta' mpjiegi f'Għawdex ........................... 77

7.17 Investiment f'Housing Soċjali ................................................. 77

7.18 Aktar proġetti .......................................................................... 78

7.19 Promozzjoni għal Għawdex .................................................... 79

8. GĦAL ĦAJJA AĦJAR ..................................................................... 80

8.1 Insaħħu l-edukazzjoni għal uliedna ........................................... 80

8.2 Inkomplu ninvestu fl-għalliema ............................................... 80

8.3 Edukazzjoni Inklussiva .............................................................. 81

8.4 Eżamijiet bla ħlas ..................................................................... 82

8.5 Apprendistat ............................................................................ 83

8.6 Iż-Żgħażagħ ............................................................................... 83

8.7 Servizzi tas-Saħħa Ġodda ......................................................... 84

8.8 Bank Nazzjonali tad-Demm ...................................................... 87

8.9 Mediċini ġodda ......................................................................... 88

8.10 Strateġija u riċerka .................................................................. 89

8.11 Aktar investiment fl-i*Sport* ..................................................... 90

8.12 Kultura ..................................................................................... 92

8.13 Valletta 2018 – Il-Legat ............................................................. 92

8.14 Il-ġlieda kontra l-Vjolenza Domestika ...................................... 93

8.15 Aktar Riformi ............................................................................ 93

8.16 Il-Qasam tal-Volontarjat ........................................................... 95

8.17 Fondi Ewropej u d-Djalogu Soċjali .......................................... 95

9. GĦELUQ ......................................................................................... 97

# 1. INTRODUZZJONI

Sur President,

Dan huwa t-tieni baġit tal-leġiżlatura l-ġdida li rat il-bidu tagħha f'Ġunju tas-sena l-oħra, meta l-poplu Malti u Għawdxi reġa' ta l-fiduċja tiegħu lil dan il-Gvern permezz ta' rebħa storika oħra għal Gvern Laburista, u s-seba' baġit mill-2013 li qed nippreżenta.

Sa mill-bidu nett dan il-Gvern żamm sod il-viżjoni tiegħu li jara lil pajjiżna klassifikat fost l-aqwa pajjiżi fl-Unjoni Ewropea, sew ekonomikament u sew bħala soċjeta` mill-aktar ġusta u ħanina. Ħloqna strateġija, fassalna pjan u ħdimna bla waqfien sabiex dan jitwettaq fl-iqsar żmien possibbli.

B'unur u pjaċir ngħid li din il-viżjoni mhux biss saret realta`, iżda qed tiġi aċċettata tant li qed tittieħed *for granted*.

Sena wara sena, xahar wara l-ieħor qed inkomplu niksbu aktar riżultati pożittivi. Dan sew f'dak li hu tkabbir ekonomiku, żieda fl-impjiegi, tnaqqis fil-qgħad, inkluż dak taż-żgħażagħ, *surplus* fil-kont pubbliku u ieħor fil-kont estern tal-pajjiż, żieda fl-investiment mill-Maltin u l-barranin, aktar innovazzjoni, żieda fil-konsum privat, żieda fl-esportazzjoni u fis-settur turistiku, inkluż żieda fir-rotot tal-ajruplani lejn pajjiżna, tnaqqis fid-dejn nazzjonali, u l-bidu ta' Fond imdaqqas bi skop ta' investiment soċjali għal uliedna.

Dan jikkuntrasta bil-kbir sew ma’ pajjiżi oħra Ewropej fejn Malta spiss tirbaħ l-ewwel postijiet fil-klassifika, kif ukoll mas-sitwazzjoni xejn stabbli ta’ qabel l-2013 fejn Malta kienet taħt proċedura tal-Unjoni ta’ defiċit eċċessiv u proċedura oħra ta’ instabbilita` makroekonomika.

Sur President, kull baġit ta’ dan il-Gvern, dan inkluż, hu ħolqa f’katina ta’ progress. Iżda minnu nnifsu hu bidu ta’ fażi ġdida. Tajjeb għalhekk li qabel ma wieħed ikompli miexi, jieqaf u jara fejn jinsab illum pajjiżna, fejn tinstab illum il-familja Maltija.

Iċ-ċans hu li f’ħafna familji llum insibu membri li sa ftit ilu ma kinux jaħdmu għal xi raġuni jew oħra. Illum dan qed jagħmluh bi qligħ. Il-biċċa l-kbira dawn huma nisa jew żgħażagħ li gawdew minn miżuri baġitarji bħal *Child Care* b’xejn, il-*Breakfast Club*, *Afternoon School Services*, il-Fond tal-*Leave* tal-Maternita` u l-inċentivi fiskali fil-każ tan-nisa, kif ukoll taħriġ speċjalizzat u skemi ta’ apprendistat għaż-żgħażagħ biex f’kull ħin ikunu jew f’istituzzjoni edukattiva, taħriġ fuq ix- xogħol jew jaħdmu.

Għal dawk il-familji bi dħul baxx mix-xogħol, illum għandhom l-opportunita` li jidħlu sew fit-*tapering programme,* sew jibbenefikaw mill-*In-work Benefit*, u fejn hu l-każ minn benefiċċji soċjali bħal sussidju fuq il-kera. Dawn il-miżuri waslu biex ksibna l-ogħla rata storika ta’ pajjiżna ta’ 71 fil-mija f’dik li hi parteċipazzjoni fid-dinja tax-xogħol li qatt ġiet reġistrata.

Hu għalhekk ukoll li wasalna fl-istess waqt għal tnaqqis bla preċedent fl-għadd ta’ nies li jfittxu x-xogħol u f’dawk fuq l-għajnuna soċjali. Fl-istess waqt konna aktar ta’ sostenn u ta’ wens ma’ dawk li minħabba mard jew diżabilita` ma jistgħux jidħlu fid-dinja tax-xogħol, ma’ familji bi dħul baxx, mal-anzjani u l-pensjonanti. Dan wassal għal tnaqqis sostanzjali fil-faqar, bil-persentaġġ ta’ familji li jsofru minn *material deprivation* jaqa’ minn 20 fil-mija fl-2012 għal 8 fil-mija fl-2017.

Dan kollu ma seħħx b’kumbinazzjoni.

Huwa sew u normali li meta familja tilħaq *standards* ogħla ta’ għajxin tibda tgħolli l-aspettattivi tagħha, tibda tgħożż iktar minn qabel is-saħħa, l-investiment fl-edukazzjoni ta’ uliedha, fl-indafa ta’ madwarha u fuq kollox kwalita` ta’ għajxien aħjar.

Għalhekk Sur President, b’ekonomija b’saħħitha li qed trendi aktar flus fil-but tan-nies u b’sostennibbilta` fil-finanzi pubbliċi, se nkunu qed indaħħlu miżuri li jkunu mmirati li jkomplu jtejbu l-kwalita` tal-ħajja tal-familji tagħna.

Fl-isfond ta’ dan kollu, il-Gvern se jisgura li l-finanzi pubbliċi jibqgħu sostennibbli billi jkompli jirreġistra għat-tielet sena *surplus* fil-fondi pubbliċi. Fl-istess waqt il-wegħda tiegħu li jnaqqas il-piż tat-taxxi fuq il-familji Maltin u Għawdxin se jżommha tant li għal dan il-baġit għat-tieni

sena konsekuttiva mhux se jintroduċi l-ebda taxxa ġdida, diretta jew indiretta.

### 1.1 Il-Qagħda ekonomika u finanzjarja

Sur President, tul is-sena 2017, l-ekonomija Maltija kibret f'termini reali b'6.7 fil-mija filwaqt li fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena kibret b'5.4 fil-mija. Dan jikkompara ferm tajjeb mar-rata ta' tkabbir ta' 2.2 fil-mija reġistrat fl-Unjoni Ewropea.

Fl-ewwel nofs ta' din is-sena, kemm il-konsum u anke l-investiment kienu l-muturi ewlenin wara t-tkabbir. Il-konsum privat kiber b'6.0 fil-mija. F'terminu ta' sena, dan irrifletta żidiet sostanzjali ta' 700 miljun ewro, nofshom f'pagi u salarji u nofshom fi profitti tal-kumpaniji.

It-tkabbir ekonomiku kompla jkun diversifikat matul l-ewwel nofs ta' din is-sena, hekk kif is-setturi kollha, inkluż il-manifattura u s-settur tal-bejgħ, irreġistraw żidiet fil-Valur Miżjud Gross.

Is-suq tax-xogħol f'pajjiżna tul is-sena li għaddiet baqa' wieħed dinamiku bit-tkabbir rekord fl-impjiegi. Infatti, in-numru ta' nies impjegati qabeż il-200,000 (mitejn elf) filwaqt li rreġistrajna rata rekord baxxa ta' għal 3.8 fil-mija f'Awwissu ta' din is-sena fejn jirrigwarda l-qgħad, filwaqt li l-qgħad fost iż-żgħażagħ niżel għal 8.8 fil-mija fl-istess perjodu.

Is-settur privat kompla jkun il-mutur ewlieni b'żieda ta' 90 fil-mija tal-impjiegi ġodda.

Komplejna niksbu s-suċċessi anke fil-qasam tal-kummerċ internazzjonali, fejn il-kont estern tal-pajjiż irreġistra *surplus* ta' 12.8 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) fit-tieni kwart ta' din is-sena.

Sur President, nixtieq nagħti ħarsa issa lejn il-finanzi pubbliċi ta' pajjiżna. (ara tabelli 1.1, 1.2 u 1.3)

Irrid nikkonferma li skont l-aħħar statistika, din is-sena se tkun it-tielet sena konsekuttiva li se tispiċċa b'*surlpus* fil-bilanċ fiskali.

L-istess f'dak li jirrigwardja d-Dejn Pubbliku. Il-mira li ninżlu għal taħt is-60 fil-mija mhux talli lħaqnieha iżda qbiżnieha tant li d-dejn issa qed iqarreb lejn il-47 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross.

B'hekk qed inkomplu nassiguraw is-sostennibbilita` tal-finanzi tal-pajjiż.

**1.2 Tbassir tal-andament tal-ekonomija u l-finanzi pubbliċi**

Il-Fond Monetarju Internazzjonali irreveda 'l isfel it-tkabbir globali għal 3.7 fil-mija. Dan jirrifletti r-riskji negattivi u l-inċertezzi fuq il-kummerċ internazzjonali minħabba l-introduzzjoni tat-tariffi u l-*Brexit.*

L-ekonomiji tal-Unjoni Ewropeja u ż-Żona Ewro mistennija jikbru bi 2.0 fil-mija. Dan minħabba l-istess inċertezzi u r-riskji li għadna kemm semmejna.

Għal pajjiżna nipprevedu li t-tkabbir ekonomiku jibqa' qawwi b'rata ta' tkabbir ta' 5.3 fil-mija f'termini reali u 7.7 fil-mija f'termini nominali. It-tkabbir mistenni jkompli jkun iġġenerat minn tkabbir fl-investiment ta' 8.4 fil-mija u tkabbir fil-konsum privat ta' 4.1 fil-mija. Dan jirriżulta f'żieda ta' 3.7 fil-mija fl-impjiegi u livell baxx ta' qgħad li mbassar jkun ta' 4.3 fil-mija. L-inflazzjoni mistennija li tkun ta' 1.9 fil-mija.

Fil-qasam tal-kummerċ internazzjonali, qegħdin nipprevedu tkabbir fl-esportazzjoni ta' 2.2 fil-mija għas-sena d-dieħla. Dan it-tkabbir jirrifletti ż-żidiet fl-esportazzjoni mistennija minn diversi setturi li jinkludu fost oħrajn is-settur finanzjarju u dak tal-*gaming,* kif ukoll it-turiżmu.

Għall-2019, qed inbassru *surplus* ieħor ta' 1.3 fil-mija filwaqt li l-piż tad-dejn mistenni jkompli jinżel għal 43.8 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross.

# Tabella 1.1

## IL-QAGĦDA FISKALI 2017 - 2021

| | 2017 Attwali € '000 | | 2018 Rivedut € '000 | | 2019 Estimi € '000 | | 2020 Estimi € '000 | | 2021 Estimi € '000 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fond Konsolidat** | | | | | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 3,829,267 | | 4,212,653 | | 4,571,845 | | 4,878,917 | | 5,152,129 | |
| Dħul Ieħor | 461,898 | | 414,155 | | 441,968 | | 444,516 | | 387,320 | |
| Dħul Totali | | 4,291,165 | | 4,626,808 | | 5,013,813 | | 5,323,433 | | 5,539,449 |
| Nefqa Rikurrenti | | 3,543,268 | | 3,880,278 | | 4,119,335 | | 4,297,831 | | 4,509,893 |
| Nefqa Kapitali | | 350,175 | | 525,600 | | 662,028 | | 683,327 | | 604,440 |
| Bilanċ qabel l-Imgħax | 397,722 | | 220,930 | | 232,450 | | 342,275 | | 425,116 | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 215,051 | | 204,330 | | 199,107 | | 191,175 | | 195,016 |
| Bilanċ Rikurrenti | 532,846 | | 542,200 | | 695,371 | | 834,427 | | 834,540 | |
| **Bilanċ fil-Fond Konsolidat** | | **182,671** | | **16,600** | | **33,343** | | **151,100** | | **230,100** |

| | 2017 | | 2018 | | 2019 | | 2020 | | 2021 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Finanzjament* | | | | | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | *(372,932)* | | *(391,694)* | | *(437,227)* | | *(461,583)* | | *(462,502)* | |
| *Ħlas Lura Kmieni ta' MGRSB* | *-* | | *(650)* | | *(1,500)* | | *(1,500)* | | *(1,500)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Lokali* | *(3,261)* | | *(1,631)* | | *-* | | *-* | | *-* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Barranin* | *(1,663)* | | *(57)* | | *(50)* | | *(50)* | | *(50)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds Speċjali MGS* | *(50,000)* | | *(50,000)* | | *(50,000)* | | *(50,000)* | | *(50,000)* | |
| *Akkwist ta' Equity* | *(71,441)* | | *(65,850)* | | *(10,565)* | | *(100)* | | *(100)* | |
| *EFSF / ESM Credit Line Facility* | *0* | | *(4,489)* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti lill-Gvern* | *0* | | *2* | | *2* | | *2* | | *2* | |
| *Bilanċ mis-Sinking Funds ta' Stokk Konvertit* | *---* | | *91,000* | | *-* | | *-* | | *-* | |
| *Bejgħ ta' Ishma / Assi* | *889* | | *889* | | *889* | | *889* | | *889* | |
| | | *(498,408)* | | *(422,480)* | | *(502,951)* | | *(516,842)* | | *(517,761)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(315,737)* | | *(405,880)* | | *(469,608)* | | *(365,742)* | | *(287,661)* |
| *Self Barrani* | | *---* | | *---* | | *---* | | *---* | | *---* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | *(108,168)* | | *(66,496)* | | *(172,376)* | | *(191,984)* | | *(207,726)* | |
| *Self Lokali* | *357,409* | | *300,000* | | *450,000* | | *350,000* | | *300,000* | |
| | | *249,241* | | *233,504* | | *277,624* | | *158,016* | | *92,274* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *(66,496)* | | *(172,376)* | | *(191,984)* | | *(207,726)* | | *(195,387)* |

| | 2017 | | 2018 | | 2019 | | 2020 | | 2021 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Bilanċ fil-Fond Konsolidat** | | **182,671** | | **16,600** | | **33,343** | | **151,100** | | **230,100** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **210,046** | | **110,400** | | **131,657** | | **57,900** | | **33,900** |
| **Bilanċ tal-Gvern Estiż** | | **392,717** | | **127,000** | | **165,000** | | **209,000** | | **264,000** |
| **Prodott Domestiku Gross** | 11,139,698 | | 11,998,572 | | 12,923,943 | | 13,833,904 | | 14,746,942 | |
| **Bilanċ tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **3.5%** | | **1.1%** | | **1.3%** | | **1.5%** | | **1.8%** | |

**Tabella 1.2**

## IL-BILANĊ TAD-DEJN TAL-GVERN

*€ '000*

| | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 |
|---|---|---|---|---|---|
| *Stocks* tal-Gvern | 4,976,961 | 4,732,230 | 4,741,449 | 4,618,330 | 4,436,478 |
| *Retail Savings Bonds* tal-Gvern ta' Malta | 99,624 | 192,500 | 191,000 | 189,500 | 188,000 |
| *Bills* tat-Teżor | 177,000 | 285,000 | 304,608 | 320,350 | 308,011 |
| Self minn Barra | 8,952 | 1,088 | 965 | 841 | 716 |
| *EBU's* / Kunsilli Lokali | 158,683 | 154,806 | 154,806 | 154,806 | 154,806 |
| Munita | 78,202 | 87,888 | 96,056 | 105,857 | 117,619 |
| EFSF (*Debt Re-Routing* ) | 171,189 | 171,189 | 171,189 | 171,189 | 171,189 |
| **Dejn tal-Gvern Estiż** | **5,670,611** | **5,624,701** | **5,660,073** | **5,560,873** | **5,376,819** |
| Prodott Domestiku Gross | 11,139,698 | 11,998,572 | 12,923,943 | 13,833,904 | 14,746,942 |
| **Dejn bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **50.90%** | **46.88%** | **43.80%** | **40.20%** | **36.46%** |

## Tabella 1.3

# IL-QAGĦDA FISKALI 2017 - 2018

| | 2017 | | 2018 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Attwali € '000 | | Approvat € '000 | | Rivedut € '000 | |
| **Fond Konsolidat** | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 3,829,267 | | 3,965,935 | | 4,212,653 | |
| Dħul Ieħor | 461,898 | | 384,115 | | 414,155 | |
| Dħul Totali | | 4,291,165 | | 4,350,050 | | 4,626,808 |
| Nefqa Rikurrenti | | 3,543,268 | | 3,686,744 | | 3,880,278 |
| Nefqa Kapitali | | 350,175 | | 472,589 | | 525,600 |
| Bilanc qabel l-Imgħax | 397,722 | | 190,717 | | 220,930 | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 215,051 | | 212,117 | | 204,330 |
| Bilanċ Rikurrenti | 532,846 | | 451,189 | | 542,200 | |
| **(Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **182,671** | | **(21,400)** | | **16,600** |

| | 2017 | | 2018 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Attwali € '000 | | Approvat € '000 | | Rivedut € '000 | |
| *Finanzjament* | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | *(372,932)* | | *(391,694)* | | *(391,694)* | |
| *Ħlas lura Kmieni ta' MGRSB* | *---* | | *(3,500)* | | *(650)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Lokali* | *(3,261)* | | *(1,631)* | | *(1,631)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Barranin* | *(1,663)* | | *(57)* | | *(57)* | |
| *Kontribuzzjonijiet Sinking Fund Speċjali MGS* | *(50,000)* | | *(50,000)* | | *(50,000)* | |
| *Akkwist ta' Equity* | *(71,441)* | | *(2,600)* | | *(65,850)* | |
| *EFSF / ESM Credit Line Facility* | *0* | | *(4,500)* | | *(4,489)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti lill-Gvern* | *0* | | *2* | | *2* | |
| *Bilanċ mis-Sinking Funds ta' Stokk Konvertit* | *---* | | *90,000* | | *91,000* | |
| *Bejgħ ta' Ishma /Assi* | *889* | | *889* | | *889* | |
| | | *(498,408)* | | *(363,091)* | | *(422,480)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(315,737)* | | *(384,491)* | | *(405,880)* |
| *Self Barrani* | | *---* | | *---* | | *---* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | *(108,168)* | | *(101,227)* | | *(66,496)* | |
| *Self Lokali* | *357,409* | | *350,000* | | *300,000* | |
| | | *249,241* | | *248,773* | | *233,504* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *(66,496)* | | *(135,718)* | | *(172,376)* |

| | 2017 | | 2018 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Attwali € '000 | | Approvat € '000 | | Rivedut € '000 | |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **182,671** | | **(21,400)** | | **16,600** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **210,046** | | **75,400** | | **110,400** |
| **Bilanċ tal-Gvern Estiż** | | **392,717** | | **54,000** | | **127,000** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **11,139,698** | | **11,572,870** | | **11,998,572** | |
| **Bilanċ tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **3.5%** | | **0.5%** | | **1.1%** | |

# 2. TQASSIM TAL-ĠID

Sur President, dan hu Gvern li dak li jwiegħed, iwettaq. Dan jgħodd għat-tqassim tal-ġid li hu frott ta' tkabbir ekonomiku. Dan il-baġit ser ikompli juri kif il-ġid ser jilħaq lil kulħadd.

## 2.1 Kumpens għall-għoli tal-ħajja

Iż-żieda għall-għoli tal-ħajja, liema żieda hija maħduma skont formula maqbula bejn l-imsieħba soċjali kollha fi ħdan l-MCESD, tirrifletti inflazzjoni ta' 1.08 fil-mija għall-perjodu stabbilit. Għas-sena d-dieħla ż-żieda se tkun ta' €2.33 fil-ġimgħa. Din iż-żieda se tingħata lill-impjegati kollha, kif ukoll lill-pensjonanti u lil dawk fuq il-benefiċċji soċjali. Lill-istudenti se jkun qed jingħatalhom il-kumpens *pro-rata*, biex b'hekk jerġgħu jogħlew l-istipendi.

## 2.2 Żieda ta' ġurnata oħra ta' *leave*

Matul din is-sena, bdejna nimplimentaw il-wegħda elettorali li nagħtu lura lill-ħaddiema l-ġranet tal-festi pubbliċi li jaħbtu fi tmiem il-ġimgħa u li ħadilhom ħaddieħor bla ma kkonsulta. Matul is-sena d-dieħla għalhekk sejrin inżidu ġurnata oħra mal-*leave* tal-ħaddiema.

### 2.3 Aġġustament għall-impjegati li jitħallsu l-Paga Minima

Matul is-sena li għaddiet, kien sar ftehim storiku bejn il-Gvern u l-imsieħba soċjali, il-*unions* kif ukoll min iħaddem, fuq kif għandha tiġi ssuplimentata l-Paga Minima Nazzjonali.

Dak il-ftehim, kien jistipula li impjegati fuq il-paga minima jittellgħu minnha wara li jkunu ilhom sena fl-impjieg ma' min iħaddimhom. Il-ħaddiem ikun intitolat għal żidiet ta' €3 fil-ġimgħa tul it-tieni sena fl-impjieg, u fit-tielet sena għal żieda ta' €3 addizzjonali fil-ġimgħa. Ħaddiema li jkunu qegħdin jaqilgħu aktar mill-paga minima bażika jkunu intitolati għal parti miż-żidiet fit-tieni u t-tielet sena tal-impjieg.

Dan ifisser li l-ħaddiema kollha li kienu fuq il-*minimum wage* fl-2017, din is-sena ingħatatilhom żieda ta' tliet ewro fil-ġimgħa u s-sena d-dieħla tingħatalhom tliet ewro oħra fil-ġimgħa.

### 2.4 Żieda fiċ-*Children's Allowance* għall-familji bid-dħul taħt l-€20,000

Sur President, għall-ewwel darba fi 11-il sena (u f'ċertu każijiet għal 23 sena), sejrin inżidu ċ-*Children's Allowances* lill-familji bi dħul gross anqas minn €20,000 fis-sena.

L-ogħla rata ta' *Children's Allowance* se tkun qed tiżdied sa massimu ta' €96 fis-sena għal kull wild. B'kollox hu stmat li 24,600 tifel u tifla minn 16,500 familja, se jgawdu minn din iż-żieda. Din il-miżura se tiswa €2 miljun fis-sena. Aktar tagħrif qed jingħata f'Tabella 2.1

**2.5 Aktar tnaqqis ta' taxxi għal kull min jaħdem**

Ix-xahar li għadda, bdejna nwettqu l-wegħda li nkomplu nnaqqsu t-taxxi fuq ix-xogħol. Għandi pjaċir inħabbar li t-*tax refund* li ngħatat din is-sena, sejra terġa' tingħata matul is-sena d-dieħla. Din il-miżura, li se tiswa lill-Gvern €11.5 miljun u se jibbenefikaw 'l fuq minn 200,000 persuna li qegħdin fis-suq tax-xogħol. (ara tabella 2.2).

**2.6 Aġġustament għal ħelsien mit-taxxa għal persuni singoli**

Dawk il-ħaddiema li huma reġistrati bħala "singoli" għal fini ta' taxxa u li d-dħul tagħhom huwa minn xogħlijiet part-time li jaqbżu s-ceiling ta' €9,100 iżda ma jeċċedux il-minimum wage mhux se jiġu aktar intaxxati.

Din hija miżura li qed tindirizza anomalija.

**2.7 *Self-employed* bi dritt ġdid għal kumpens ta' diżimpjieg**

Sejrin nemendaw il-liġi tas-Sigurta` Soċjali sabiex għall-ewwel darba f'pajjiżna persuni *self-employed*, li għal xi raġuni jkollhom jieqfu mill-

attivita` tagħhom u jibdew jirreġistraw għax-xogħol, se jibdew ikollhom dritt li jirċievu l-benefiċċju għal qgħad skont il-kontribuzzjonijiet li jkunu ħallsu.

B'hekk qegħdin inneħħu d-diskriminazzjoni li teżisti llum bejn persuni impjegati u persuni *self-employed*.

**2.8 Benefiċċji għal membri tal-forzi tas-sigurta` kollha f'każ ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol**

Tul din l-aħħar sena, sar xogħol fuq qafas regolatorju biex jiddaħħlu numru ta' benefiċċji li għandhom jingħataw lil kull membru tal-forzi tas-sigurta` li jaħdmu mal-Gvern.

Dawn il-benefiċċji jingħataw f'każ ta' inċident fatali jew diżabilita` permanenti u li jwassal għal individwu li ma jkunx jista' jaħdem iżjed.

Bi pjaċir inħabbar li fi żmien qasir, se jkunu qed jingħataw aktar dettalji ta' dawn il-benefiċċji u kif se jkun qed jiġi introdott dan il-benefiċċju lill-impjegati konċernati wara li jsiru l-aħħar konsultazzjonijiet.

## 2.9 Żieda fil-ħlas tal-Għajnuna Medika

Mis-sena d-dieħla se nżidu l-ħlas tal-Għajnuna Medika mhux kontributorja b'ħames ewro u erbatax -il ċenteżmu (€5.14) fil-ġimgħa lil dawk il-persuni miżżewġa fejn hemm żewġ adulti li jbatu minn mard kroniku u li qed jirċievu din l-Għajnuna.

Din iż-żieda tirriżulta mid-differenza li hemm sal-lum bejn ir-rata mħallsa lill-ewwel adult u r-rata mħallsa lit-tieni adult. B'dan il-mod issa kull adult fil-familja jitħallas indaqs. L-aktar li se jibbenefikaw minn din il-miżura huma koppji anzjani li t-tnejn għandhom mard kroniku u huma eliġibbli.

## 2.10 Żieda fil-pensjonijiet

Sur President, niġi issa għall-pensjonijiet. Filwaqt li għal ħamsa u għoxrin sena sħaħ kienu minsijja, fl-aħħar tliet snin, daħħalna diversi miżuri għal firxa wiesgħa ta' pensjonanti li wasslu biex il-pensjonijiet jerġgħu jibdew jiżdiedu.

Sur President, is-sena d-dieħla wkoll, għar-raba' sena wara l-oħra, se nerġgħu ngħollu l-pensjonijiet.

Fl-2019 se nagħtu żieda ta' żewġ ewro u sbatax -il ċenteżmu (€2.17) fil-ġimgħa lill-pensjonanti kollha tas-sigurtà soċjali, cioè pensjonanti tal-Irtirar, Romol, tal-Invalidita` u dawk li jirċievu l-Pensjoni tal-Eta`. Din iż-

żieda se tkun barra dik maħsuba biex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja. B’ hekk kull pensjonant se jieħu żieda  ta’ erba’ ewro u ħamsin ċenteżmu (€4.50) fil-ġimgħa.

Minn din il-miżura, se jkunu qegħdin jibbenefikaw ’il fuq minn 92,000 pensjonant. Din il-miżura ser tiswa €10 miljun.

## 2.11 Aġġustament għal ħelsien mit-taxxa fuq pensjonijiet

Biex iż-żieda li qed tingħata fil-pensjonijiet inkluż iż-żieda tal-COLA ma tkunx intaxxata għas-sena d-dieħla, se nerġgħu ngħollu l-massimu ta’ dħul minn pensjonijiet, li mhux se jkun intaxxat, għal €13,434. (ara tabella 2.3).

## 2.12 Pensjonanti tas-Servizz

Kif sar fi snin mgħoddija, madwar 4,500 pensjonant tas-servizz, se jerġa’ jkollhom żieda oħra ta’ €200 fl-ammont ta’ pensjoni tas-servizz li tiġi injorata fl-assessjar tal-pensjoni tas-sigurta` soċjali, biex b’hekk is-somma eżentata issa se titla’ għal 2,466 ewro.

Imma Sur President, din id-darba mhux se nieqfu s’hawn. Wegħda elettorali li għamilna kienet dik li nkomplu ntejbu l-pensjonijiet tas-servizz billi l-parti li jkunu kkomutaw biex jieħdu s-somma, tibda tkun injorata kollha għal fini ta’ pensjoni tas-sigurta` soċjali.

Bħala l-ewwel pass fit-twettiq ta' din il-wegħda elettorali, mis-sena d-dieħla l-pensjonati li jirċievu pensjoni tas-servizz u li għandhom 72 sena jew aktar jew li mis-sena d-dieħla 'l quddiem jilħqu din l-eta`. Se ssir ir-reviżjoni tal-pensjoni tagħhom tas-sigurta` soċjali. Hekk minflok kif dejjem sar s'issa li jiġi injorat nofs l-ammont ta' pensjoni tas-servizz li jkun ġie kkomutat, mis-sena d-dieħla se jibdew jiġu injorati 75 fil-mija tal-ammont ikkomutat.

Fl-ewwel sena tat-twettiq ta' din il-miżura huwa stmat li madwar 2,200 pensjonant se jibbenefikaw minn żieda medja ta' madwar €11 fil-ġimgħa fil-pensjoni tagħhom tas-sigurtà soċjali. Maż-żmien aktar pensjonanti tas-servizz se jkunu qed jibbenefikaw minn din il-miżura, speċjalment dawk li l-pensjoni tas-servizz tagħhom hija aktar baxxa minn ta' oħrajn.

### 2.13 Għotja ta' €300 fis-sena

L-għotja ta' €300 fis-sena lil dawk li għalqu l-75 sena u li għadhom jgħixu fid-djar tagħhom se tkompli tingħata tul is-sena d-dieħla.

Din l-għotja li fis-sena tiswa 9 miljun ewro, jibbenefikaw minnha 'l fuq minn disa' u għaxrin elf (29,000) anzjan u anzjana.

## 2.14 *Bonus* għal min ħallas il-kontribuzzjonijiet imma m'għandux pensjoni

Fil-baġit għall-2014, konna daħħalna għall-ewwel darba *bonus* li beda jitħallas kull sena lil numru ta' persuni, l-aktar nisa li ma ħallsux biżżejjed bolol biex jikkwalifikaw għal pensjoni minima. Mill-1 ta' Jannar li ġej, se nkunu qed inżidu dan il-*bonus* b'€50. B' hekk dawk li kienu ħallsu aktar minn sena kontribuzzjoni iżda anqas minn 5 snin, il-bonus se jiżdied se tiżdied għall-€200, filwaqt li l-*bonus* ta' dawk li ħallsu aktar minn 5 snin kontribuzzjonijiet se jiżdiet għal €300 fis-sena. B'din il-miżura se jibbenefikaw madwar 12,500 persuna.

## 2.15 Inkomplu nħeġġu aktar persuni jibqgħu fis-suq tax-xogħol

Tliet snin ilu konna daħħalna inċentiv sabiex persuni li jibqgħu jaħdmu minflok jirtiraw bil-pensjoni u b'hekk tiżdidilhom il-pensjoni tagħhom meta jagħlqu l-eta` ta' 65 sena. Din kienet miftuħa għas-settur privat.

Mis-sena d-dieħla, din l-inċentiva se tiġi estiża għal persuni li jibqgħu jaħdmu mas-settur pubbliku b'mod gradwali, dan dejjem jekk ikun hemm talba mill-impjegat u l-kunsens ta' min iħaddem.

## 2.16 Inkomplu nindirizzaw l-inġustizzji tal-imgħoddi

Sur President, għal dawn l-aħħar sentejn, waqqaft fond li minnu bdew jingħataw ħlasijiet għal anomaliji li setgħu nħolqu tul is-snin minħabba tibdiliet fis-sistema tal-pensjonijiet, jew għal raġunijiet oħra.

Għat-tielet sena konsekuttiva se nallokaw €11 miljun ewro f' fondi biex jiġu indirizzati dawn l-inġustizzji tal-imgħoddi li jolqtu aktar minn 6,000 benefiċjarju jew l-eredi tagħhom.

Tul is-sena d-dieħla wkoll se jiġi fi tmiemu l-proċess biex jitħallsu l-arretrati tal-pensjonijiet lill-eksħaddiema tal-*Malta Electricity Board* jew l-eredi tagħhom.

## 2.17 *Government Savings Bonds* għall-pensjonanti

Wara s-suċċess ta' dawn l-aħħar sentejn għal ħruġ ta' *Savings Bonds* 62+ indirizzati għal dawk li għalqu t-62 sena, fejn 'il fuq minn 14,000 pensjonant ipparteċipaw fil-ħruġ ta' dawn il-*Bonds*, se nkunu qegħdin nerġgħu noħorġu *Bond* simili matul is-sena d-dieħla; dan fl-isfond li r-rati ta' mgħax fuq kontijiet bankarji fissi baqgħu baxxi. Hu mistenni li 'l fuq minn 6,300 pensjonant ġdid se jkunu eliġibbli għal dan il-ħruġ.

## 2.18 Aktar għajnuna lil Persuni b'Diżabilita`

Sur President, il-persuni b'diżabilita` dejjem kienu prijorita` għal dan il-Gvern. Tul l-aħħar leġiżlatura u din preżenti, daħħalna numru kbir ta' miżuri, fosthom li nsibu xogħol bi dritt għal dawn il-persuni; titjib sostanzjali fil-pensjoni ta' diżabilita`; il-bini ta' djar għal *independent living*; it-twaqqif ta' *Disability Trust Fund* u oħrajn.

Matul l-2019 se nkomplu ndaħħlu miżuri oħra biex inkomplu nintegraw fis-soċjeta` lil dawn il-persuni. Sejrin inwettqu fażi oħra tar-riforma fl-Assistenza għal Diżabilita`, mibdija s-sena l-oħra u li kienet tinkludi l-introduzzjoni tal-Assistenza Miżjuda għal Diżabilita` Severa għall-persuni li assolutament ma jistgħux jaħdmu, u li dawn eventwalment jieħdu l-ekwivalenti tal-paga minima.

Għaldaqstant, minn Jannar li ġej, il-pagament fil-ġimgħa ta' din l-għajnuna se jiżdied minn €140 għal €150 fil-ġimgħa.

Minbarra hekk l-iskema se tiġi estiża għal 600 persuna oħra li se jkunu qed jingħataw id-dinjita` li veru jixirqilhom.

Dan billi barra l-indiċi ta' Barthel li japplika għal persuni bi problemi ta' mobilita`, se tintuża wkoll dik li hi magħrufa bħala Tabelli għal Valutazzjoni ta' Indeboliment. Aktar dettalji jingħataw fil-ġimgħat li ġejjin.

## 2.19 Żieda fl-*allowance* għat-Tfal b'Diżabilita`

Għal dawk il-ġenituri ta' tfal li jsofru minn xi forma ta' diżabilita` fiżika jew mentali se ngħollu mill-ġdid l-*allowance* li jitħallsu fil-ġimgħa. Fl-2014, din l-*allowance* konna diġa` żidnieha minn €16.31 għal €20 fil-ġimgħa.

Mis-sena d-dieħla r-rata ta' din l-*allowance* se terġa' tiżdied b'€5 oħra għal €25 fil-ġimgħa. Madwar 1,400 tifel u tifla b'diżabilita` u l-familji tagħhom se jibbenefikaw minn din iż-żieda.

## 2.20 Estenzjoni fl-*Allowance* Miżjud għall-*Carers*

Fl-aħħar żewġ Baġits tejjibna l-ħlasijiet lil dawk li jieħdu ħsieb l-anzjani fid-djar tagħhom. Dan sar permezz tar-riforma fl-*Allowance* Miżjuda għal *Carers* li telgħet għal 140 ewro u kif ukoll l-*Allowance* għal *Carers* li telgħet għal 90 ewro.

Minn Jannar li ġej din l- eżenzjoni mit-test tal-mezzi se tibda tgħodd għaż-żewġ allowances. B'hekk aktar anzjani se tingħatalhom il-possibilita` li jibqgħu jgħixu f'darhom u fil-komunita` għax il-qraba li jieħdu ħsiebhom se jibdew jibbenefikaw huma wkoll.

B'din il-miżura, anke persuni miżżewġa sal-età pensjonabbli li jkunu jgħixu taħt l-istess saqaf mal-anzjan jew anzjana, se jibdew ikunu eliġibbli għall-*Allowance* għal *Carers*.

Barra minn hekk, mis-sena d-dieħla meta persuna tapplika sabiex tieħu ħsieb anzjan jew anzjana li jkunu laħqu l-eta` ta' 85 sena, mhux se tibqa' ssir evalwazzjoni medika mill-bord multidixxiplinarju u l-*allowance* titħallas awtomatikament jekk il-*carer* u l-anzjan jew anzjana jkunu jgħixu fl-istess dar.

## 2.21 Titjib fl-inċentivi fiskali għal pensjonijiet privati

Tul dawn l-aħħar erba' snin, tajna inċentivi kemm lil individwi li jinvestu f'pensjoni privata magħrufa bħala *Third Pillar Pension Scheme*, kif ukoll lil min iħaddem li jiddeċiedi li joffri skema volontarja u mhux kontributorja min-naħa tal-impjegat – qed nirreferi għall-iskema *Voluntary Occupational Pension Scheme*.

Għas-sena d-dieħla, se jkun hemm titjib f'dawn iż-żewġ skemi fejn sejrin inżidu l-ammont ta' investiment finanzjarju annwali li fuqu hemm eżenzjoni ta' taxxa sa massimu ta' elfejn ewro (€2000) kull sena. Barra minn hekk, it-tnaqqis ta' taxxa se jkun qed jiżdied minn 15 fil-mija għal 25 fil-mija. Kemm l-impjegat kif ukoll min iħaddem sejrin jibbenefikaw minn dan it-titjib fl-inċentivi fiskali.

## 2.22 Rifużjoni ta' taxxa għal min jibgħat it-tfal fi skejjel indipendenti

Lil-ġenituri li jibagħtu lil uliedhom fi skejjel indipendenti, kif ukoll dawk li jattendu skejjel tal-Knisja, bdejna nipprovdulhom trasport b'xejn għal uliedhom. Nafu iżda li l-iskejjel indipendenti żiedu wkoll l-*fees* u t-tariffi tagħhom, fost l-oħrajn minħabba żieda fl-ispejjeż anki minħabba li dan il-Gvern tejjeb il-kundizzjonijiet tal-għalliema.

Dawk il-ġenituri li jibagħtu t-tfal tagħhom fi skejjel indipendenti llum qed igawdu minn tnaqqis fit-taxxa fuq miżati mħallsa. Mis-sena d-dieħla l-Gvern se jżid dan it-tnaqqis għal €1,600 fis-sena għal kull wild li jattendi ċentru ta' *kindergarten*; €1,900 fis-sena fil-każ ta' skola f'livell primarju, u €2,600 għall-wild li jattendi skola f'livell sekondarju, żieda ta' 300 ewro għal kull wild. (Ara Tabella 2.4)

## 2.23 Għotja fuq xiri u installazzjoni ta' impjanti ta' *Reverse Osmosis* fid-djar

Sur President, sejrin nagħtu għotja ekwivalenti għar-rifużjoni ta' VAT fuq xiri u installazzjoni ta' apparat li jippurifika l-ilma fid-dar permezz ta' *reverse osmosis* jew proċessi oħra sabiex inkomplu ninċentivaw li jitnaqqas l-użu ta' kontenituri tal-plastik għall-ilma ibbottiljat.

Ser jkun hemm *capping* ta' €70 fuq din l-għotja.

## 2.24 Għotja fuq spejjeż tat-Tieġ

Sur President wasal iż-żmien li naġġustaw il-massimu ta' rifużjoni li koppja tingħata fuq spejjeż ta' Tieġ. L-aħħar darba li ġiet aġġustata din ir-rifużjoni tmur lura għas-sena 2014.
Mill-ewwel ta' Jannar tas-sena d-dieħla, din l-għotja se titla' sa' massimu ta' €2,000; żieda ta' €250.

## 2.25 Rata inqas ta' VAT fuq kotba elettroniċi u għotja fuq xiri ta' strumenti mużikali

Ir-rata ta' VAT li titħallas fuq kotba u oġġetti stampati simili, kif ukoll dawk provduti fuq CD, DVD, SD card jew USB hija ta' 5%. Din ir-rata mnaqqsa ta' VAT issa se tiġi estiża ukoll għal dawk il-kotba, gazzetti u pubblikazzjonijiet li jiġu provduti elettronikament. Din il-miżura ma tinkludix pubblikazzjonijiet li fil-maġġoranza tagħhom jikkonsistu f'riklami, mużika awdibbli jew *videos.*

Barra minn hekk, se nestendu l-għotja li llum qed tingħata lil dawk li jixtru strument mużikali minn Malta, għal meta dawn jixtruh minn barra.

## 2.26 Konċessjoni għat-trasferiment ta’ negozju

Fis-sena 2017 daħħalna l-konċessjoni għat-trasferiment ta’ negozju li tnaqqas ir-rata tal-boll minn 5% għal 1.5% meta ġenitur jittrasferixxi n-negozju lit-tfal tiegħu u li kellha tagħlaq sal-aħħar ta’ Diċembru ta’ din is-sena, se terġa’ tiġi estiża għal sena oħra.

B’hekk tiżdied il-possibilita` lin-negozju tal-familja jibqa’ miexi ’l quddiem.

## 2.27 *Ex-gratia payment*

Bi pjaċir inħabbar li tul is-sena d-dieħla, se jkun qed jingħata l-aħħar pagament *ex-gratia* għal min kien irreġistra l-vettura ġdida tiegħu fl-2008, liema miżura tiswa 4.9 miljun ewro. Dan ifisser, li l-wegħda li konna għamilna ħames snin ilu, issa twettqet kollha. Tul dawn il-ħames snin, roddejna lura fi ħlas ta’ VAT fuq ir-reġistrazzjoni ta’ vetturi ġodda, liema VAT ma kienx dovut lill-Gvern. L-ammont ta’ flus li ħallasna lura jlaħħaq il-€25 miljun.

**Tabella 2.1** ***Allowance*** **tat-tfal**

| **Eżempji ta' dħul nett wara t-tnaqqis tal-bolla** | **Rati għal kull wild taħt 16-il sena** | | **Żieda annwali għal kull wild/wild wieħed** | **Żieda annwali għal 2 itfal** | **Żieda annwali għal 3 itfal** |
|---|---|---|---|---|---|
| | **Rati Kurrenti** | **Rati Ġodda** | | | |
| Sa dħul ekwivalenti għal paga minima nazzjonali statutorja | €1,156 | €1,252 | €96 | €192 | €288 |
| €8,600 | €979 | €1,069 | €89 | €179 | €268 |
| €8,800 | €967 | €1,056 | €88 | €177 | €265 |
| €9,000 | €955 | €1,043 | €87 | €175 | €262 |
| €9,200 | €943 | €1,030 | €86 | €173 | €259 |
| €9,400 | €931 | €1,017 | €85 | €171 | €256 |
| €9,600 | €919 | €1,004 | €84 | €169 | €253 |
| €9,800 | €907 | €991 | €83 | €167 | €250 |
| €10,000 | €895 | €978 | €82 | €165 | €247 |
| €10,200 | €883 | €965 | €81 | €163 | €244 |
| €10,400 | €871 | €952 | €80 | €161 | €241 |
| €10,600 | €859 | €939 | €79 | €159 | €238 |
| €10,800 | €847 | €926 | €78 | €157 | €235 |
| €11,000 | €835 | €913 | €77 | €155 | €232 |
| €11,200 | €823 | €900 | €76 | €153 | €229 |
| €11,400 | €811 | €887 | €75 | €151 | €226 |
| €11,600 | €799 | €874 | €74 | €149 | €223 |
| €11,800 | €787 | €861 | €73 | €147 | €220 |
| €12,000 | €775 | €848 | €72 | €145 | €217 |
| €12,200 | €763 | €835 | €71 | €143 | €214 |
| €12,400 | €751 | €822 | €70 | €141 | €211 |
| €12,600 | €739 | €809 | €69 | €139 | €208 |
| €12,800 | €727 | €796 | €68 | €137 | €205 |
| €13,000 | €715 | €783 | €67 | €135 | €202 |

| Eżempji ta' dħul nett wara t-tnaqqis tal-bolla | Rati għal kull wild taħt 16-il sena | | Żieda annwali għal kull wild/wild wieħed | Żieda annwali għal 2 itfal | Żieda annwali għal 3 itfal |
|---|---|---|---|---|---|
| | Rati Kurrenti | Rati Ġodda | | | |
| €13,200 | €703 | €770 | €66 | €133 | €199 |
| €13,400 | €691 | €757 | €65 | €131 | €196 |
| €13,600 | €679 | €744 | €64 | €129 | €193 |
| €13,800 | €667 | €731 | €63 | €127 | €190 |
| €14,000 | €655 | €718 | €62 | €125 | €187 |
| €14,200 | €643 | €705 | €61 | €123 | €184 |
| €14,400 | €631 | €692 | €60 | €121 | €181 |
| €14,600 | €619 | €679 | €59 | €119 | €178 |
| €14,800 | €607 | €666 | €58 | €117 | €175 |
| €15,000 | €595 | €653 | €57 | €115 | €172 |
| €15,200 | €583 | €640 | €56 | €113 | €169 |
| €15,400 | €571 | €627 | €55 | €111 | €166 |
| €15,600 | €559 | €614 | €54 | €109 | €163 |
| €15,800 | €547 | €601 | €53 | €107 | €160 |
| €16,000 | €535 | €588 | €52 | €105 | €157 |
| €16,200 | €523 | €575 | €51 | €103 | €154 |
| €16,400 | €511 | €562 | €50 | €101 | €151 |
| €16,600 | €499 | €549 | €49 | €99 | €148 |
| €16,800 | €487 | €536 | €48 | €97 | €145 |
| €17,000 | €475 | €523 | €47 | €95 | €142 |
| €17,200 | €463 | €510 | €46 | €93 | €139 |
| €17,400 | €451 | €497 | €45 | €91 | €136 |
| €17,500 | €450 | €490 | €40 | €81 | €121 |
| €17,600 | €450 | €484 | €34 | €68 | €102 |
| €17,700 | €450 | €477 | €27 | €55 | €82 |
| €17,800 | €450 | €471 | €21 | €42 | €63 |
| €17,900 | €450 | €464 | €14 | €29 | €43 |
| €18,000 | €450 | €458 | €8 | €16 | €24 |
| €18,100 | €450 | €452 | €2 | €4 | €6 |

*Kull dħul ikkwotat f'din it-tabella bħala gwida huwa wara t-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.*

**Tabella 2.2 Aktar tnaqqis ta' taxxi għal kull min jaħdem**

| Komputazzjoni: Singola | |
|---|---|
| **Dħul** | **Ammont** |
| €0 - €15,000 | €60 |
| €15,001 - €30,000 | €50 |
| €30,001 - €59,999 | €40 |
| | |
| **Komputazzjoni: Miżżewġin** | |
| **Dħul** | **Ammont** |
| €0 - €20,000 | €68 |
| €20,001 - €40,000 | €56 |
| €40,001 - €59,999 | €44 |
| | |
| **Komputazzjoni: Ġenitur** | |
| **Dħul** | **Ammont** |
| €0 - €15,000 | €64 |
| €15,001 - €30,000 | €52 |
| €30,001 - €59,999 | €40 |

**Tabella 2.3 Dħul mill-pensjoni mhux intaxxat**

| | 2018 | 2019 |
|---|---|---|
| Komputazzjoni: Singola | €13,200 | €13,434 |
| Komputazzjoni: Ġenitur | €13,200 | €13,434 |
| Komputazzjoni: Miżżewwġin | €13,200 | €13,434 |
| | | |
| **Dħul ieħor mhux intaxxat** | | |
| | **2018** | **2019** |
| Komputazzjoni: Miżżewwġin | €10,00 | €1,000 |
| | | |

**Tabella 2.4 Rifużjoni ta' taxxa għal min jibgħat it-tfal fi skejjel indipendenti**

| | 2018 | 2019 |
|---|---|---|
| **Kindergarten** | 1300 | 1600 |
| **Livell Primarju** | 1600 | 1900 |
| **Livell Sekondarju** | 2300 | 2600 |

## 3. IL-*HOUSING* U S-SUQ TAL-PROPRJETÀ

Matul din l-aħħar sena, saru bosta diskorsi u kitbiet dwar ir-rati tal-kera u l-prezzijiet tal-proprjeta`, u ngħataw bosta suġġerimenti ta' kif wieħed għandu jindirizza dan is-settur.

Hu żgur li s-suċċess ekonomiku li pajjiżna qed igawdi minnu, ġab miegħu dawn l-isfidi ġodda, li jirriżultaw mid-domanda għall-***housing soċjali*** u għal ***housing affordabbli***.

Dan il-Gvern huwa impenjat li jindirizza din il-problema u mhux jaħrabha. F'dan il-baġit sejrin nibdew indaħħlu numru ta' miżuri li filwaqt li ma noħonqux lis-suq, ninċentivaw kemm lis-sid kif ukoll lill-inkwilin biex il-prezz tal-kirjiet ikun aktar affordabbli.

Sur President, irrid insemmi li Malta hija wieħed minn dawk il-ftit pajjiżi fejn il-familji huma fil-maġġoranza tagħhom sidien ta' djarhom. Għalhekk hu kkalkulat li madwar 78 fil-mija tal-familji Maltin qed jaraw żieda fl-assi tal-familja tagħhom permezz tal-apprezzament tal-propjeta`.

Min-naħa l-oħra, l-Gvern se jkompli jipproteġi l-interess ta' nies li qed jikru jew li jeħtieġu akkommodazzjoni soċjali.

Il-ġimgħa li għaddiet għadna kif nedejna *White Paper Renting as a Housing Alternative* għall-konsultazzjoni.

Il-*White Paper* tipproponi kuntratti fuq perjodu stabbilit, reġistrazzjoni obbligatorja tal-kuntratti tal-kera, tistabbilixxi perjodu minimu ta' avviż kemm għas-sidien u kemm għall-inkwilin, infurzar kontra l-irregolaritajiet u l-abbużi, flimkien ma' aktar effiċjenza fis-soluzzjoni tat-tilwim.

Dak li qed tipproponi l-*White Paper* tal-kera jirrifletti l-fatt li s-settur tal-kera privat inbidel minn kif kien fil-passat. Ir-riforma li qed tiġi proposta fil-*White Paper,* hija ntiża biex tiżdied l-istabbiltà fis-suq biex familji fil-kera jgħixu mingħajr inċertezza, tiżdied it-trasparenza u tissaħħaħ ir-relazzjoni bejn il-kerrej u u s-sid u biex min investa fil-proprjetà jibqa' jagħmel qligħ denju u ġust.

### 3.1 Benefiċċju tal-kera – djar soċjali u djar affordabbli

Mis-sena d-dieħla, se jkun hemm bidla radikali ta' kif l-għajnuna tingħata biex il-kera ssir aktar affordabbli. Dan se jsir billi l-ewwelnett jitneħħa l-*means test* fuq kemm l-applikant ikollu assi. Minflok se jkun hemm żewġ kriterji għall-eliġibilita`. L-ewwel wieħed huwa d-dħul gross tal-familja li jinkludi l-pagi u l-imgħaxijiet u li ma jaqbżux il-*benchmark* stabbilit. It-tieni kriterju hu li l-kirja eżistenti teċċedi l-*benchmark* għal dik il-familja. L-applikant ikun eliġibbli jekk jikkwalifika miż-żewġ kriterji. L-għajnuna tvarja minn massimu ta ' tlett elef ewro għal ħamest elef ewro fis-sena skont iċ-ċirkostanzi tal-familja. Aktar dettalji jingħataw meta tiġi introdotta l-iskema. Qed nistmaw li għas-sena d-dieħla l-għajnuna mitluba tlaħħaq għal ħames miljun ewro.

### 3.2 Skema inċentivi sidien għal min jikri proprjeta` bi prezz moderat u perjodu fit-tul

Konxi tar-rwol importanti lis-sidien għandhom fil-qasam tas-suq tal-kera fejn jidħlu djar affordabbli, il-Gvern qiegħed f'diskussjonijiet biex iniedi skema li se tkun qed tagħti inċentiv fiskali lis-sid permezz ta' tnaqqis ta' taxxa fuq il-bejgħ tagħha f' każ ta' kirja affordabbli għal perjodu ta' seba' snin.

### 3.3 Skema ta' *Equity Sharing*

Persuni li jkunu għalqu l-erbgħin sena, qed isibuha ferm diffiċli li jixtru dar minħabba diffikulta` li jieħdu self mill-banek.

Matul din is-sena, inbdew taħditiet mal-banek biex tinstab soluzzjoni għal din il-problema. Għalhekk għas-sena d-dieħla, sejrin inniedu skema, fejn, persuni li jkunu għalqu l-erbgħin sena u jitħajru jixtru dar, filwaqt li l-persuna tkun tista' tħallas mhux inqas minn nofs il-prezz tal-proprjeta`, se jkun possibbli li l-bank isellef il-kumplament tan-nefqa u l-persuna tħallas is-self fuq numru ta' snin. Pero`, il-Gvern sejjer ikun qed iħallas l-imgħax, għat-tul is-snin li l-persuna tkun intrabtet li tħallas is-self.

### 3.4 *Housing* Soċjali

Dan il-Gvern jemmen li r-responsabbiltà tal-funzjoni ta' *housing* soċjali hija tal-Istat.

F'dan ir-rigward, filwaqt li għaddej ix-xogħol fuq proġett ta' 500 appartament b'għajnuna tal-Bank tal-Investiment Ewropew u l-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill Ewropew, se jsir xogħol fuq bini ta' kważi 700 *unit* għal housing soċjali ieħor, b'investiment ta' 50 miljun ewro, fejn parti mill-investiment ġej mill-Fond Soċjali u ta' Żvilupp Nazzjonali (NSDF). Barra minn hekk l-Gvern sejjer ikompli joħloq inizjattivi biex ikompli jiżdied l-istokk ta' djar tal-Gvern.

### 3.5 Riġenerazzjoni ta' propjetà dilapitata

Ġew identifikati numru ta' proprjetajiet tal-Gvern li huma fi stat dilapilitat, liema proprjetajiet jistgħu jiġu rranġati biex jintużaw bħala djar soċjali.

### 3.6 Proġetti speċjali

Għas-sena d-dieħla, l-Awtorita` tad-Djar se tkun qed tevalwa żewġ proġetti pilota li se tkun qed tagħmel ma' entitajiet mhux governattivi. Filwaqt li l-Awtorita' tad-Djar se tkun qed toħroġ parti mill-ispiża biex din il-proprjeta` tiġi irranġata, se tkun qed tidħol f'arranġament mal-entita`

mhux governattiva sabiex id-djar jiġu użati għal skop ta' djar soċjali b'rati ta' kirjiet orħos minn dak li qed joffri s-suq.

**3.7 Riġenerazzjoni tal-Oqsma tad-Djar**

L-Awtorità tad-Djar fix-xhur li ġejjin se tkompli l-ħidma tagħha fuq programm ta' manutenzjoni jew tisbiħ, skont il-bżonnijiet ta' kull blokka partikolari. Sejjer ukoll ikompli l-programm ta' tisbiħ fl-oqsma tal-Bini tal-Gvern.

**3.8 Ri-organiżżazzjoni tal-Awtorita' tad-Djar**

L-Awtorità tad-Djar sejra tagħmel ri-organizzazzjoni interna sabiex tkun qed tkopri l-isfidi kollha lis-settur tad-djar, fejn jidħlu djar soċjali affordabbli.

Huwa għalhekk li l-Awtorità ser twaqqaf fi ħdana *Unit* li jkun qed jiffoka fuq reġistrazzjoni ta' proprjetà; protezzjoni tas-sidien u infurzar tar-regolamenti.

**3.9 Estensjoni ta' skemi eżistenti**

Sur President, bi pjaċir inħabbar li l-iskemi eżistenti li daħħalna tul dawn l-aħħar snin se jerġgħu jiġu estiżi għal sena oħra. Dawn huma l-iskema fit-tnaqqis fit-taxxa tal-boll għall-*first time buyers, second time buyers*,

propjeta vakanti fl-*Urban Conservation Areas,* xiri ta' propjeta' f'Għawdex, u kif ukoll l-iskemi ta' rifużjoni ta' spejjeż fuq xogħol ta' restawr.

## 3.10 Faċilitajiet ta' *Equity Release*

Għandi pjaċir inħabbar ukoll li x-xogħol tal-*working group* li ħadem fuq il-*Home Equity Release* tlesta. Dan se jippermetti biex pensjonanti jtejbu d-dħul annwali finanzjarju tagħhom u b'hekk ikunu jistgħu jgħollu l-livell ta' għajxien tagħhom.

Aktar dettalji se jitħabbru fil-ġimgħat li ġejjin.

## 4. NINDIRIZZAW L-INFRASTRUTTURA TAT-TOROQ

Matul din is-sena, il-Gvern kompla juri biċ-ċar li huwa kommess li jwettaq il-pjan ambizzjuż tiegħu sabiex it-toroq isiru sew, isiru b'ħeffa u jibqgħu jinżammu kif jixraq. Dan l-investiment fit-toroq huwa wieħed bla preċedent.

Kull min jagħmel użu mit-toroq tagħna seta' jinnota kif twessgħu bosta *junctions* bil-għan li t-traffiku jkun jista' jiċċirkola aħjar. Lanqas kien laħaq ġie inawgurat il-proġett tal-Kappara, li ma nbediex ix-xogħol bi tħejjija għall-proġett tal-*Marsa Junction*.

Sur President, fil-baġit tas-sena l-oħra kont semmejt ukoll li sejrin nibdew nindirizzaw il-problema tal-konġestjoni tat-traffiku. Semmejt li dan hu argument importanti li jrid jiġi indirizzat fuq medda ta' snin u billi wieħed jintroduċi diversi inċentivi u b'hekk bil-mod il-mod tinbidel id-dipendenza fuq il-karozza privata.

L-inċentivi  li daħħalna li qed jinkoraġġixxu l-użu tar-rota u muturi, u l-użu tat-trasport pubbliku jew kollettiv, filwaqt li niskoraġġixxu l-użu tal-karozza privata, diġà qed juri sinjali li l-istrateġija qed tirnexxi.

Dan il-Gvern sejjer ikompli jaħdem sabiex dawn l-isfidi relatati mat-traffiku jkomplu jingħelbu u b'hekk jitnaqqas it-tniġġis tal-arja f'pajjiżna u tkompli titjieb il-kwalità tal-ħajja.

## 4.1 Tkomplija tal-proġetti ta' toroq

Il-pjan ta' €700 miljun biex isiru toroq kollha tal-pajjiż, inkluż Għawdex, fuq seba' snin, beda. Fis-sena li ġejja, qed nippjanaw li jsir xogħol fuq toroq b'investiment ta' mitt miljun ewro. Dan juri biċ-ċar l-importanza li lest joffri dan il-Gvern lil dan il-qasam li kien ilu fuq fomm kulħadd għal għexieren ta' snin. Dan huwa erba' darbiet aktar milli kien jiġi vvutat qabel.

Il-proġetti għaddejjin b'ritmu mgħaġġel, filwaqt li x-xogħol qed isir bi *standards* għoljin. Għalhekk, aħna fiduċjużi li t-toroq li huma maħsuba li jsiru matul is-sena d-dieħla, isiru kollha u fiż-żmien stipulat. Il-Gvern jifhem il-kritika li ġieli ssir dwar il-bżonn li l-iżvilupp bżonjuż tat-toroq jiżżewweġ aħjar mal-protezzjoni ta' żoni ħodor, u ż-żamma ta' siġar. Għal dan il-għan, Infrastruttura Malta se tibda proġett dwar Ġonna Urbani, fejn bi sħubijiet strateġiċi, ikunu jistgħu jiġu maħluqa u jinżammu żoni ħodor, li jsebbħu u jkunu post ta' rikreazzjoni, bħala parti mill-proġetti li jsiru.

Għal dan il-għan se jiġu allokati €1 miljun għall-ewwel sena.

## 4.2 Trasport Pubbliku

Sur President, il-viżjoni tal-Gvern fil-qasam tat-trasport qiegħed jara li jkun hemm aġenzija waħda li tinvestiga aspetti ta' sigurtà fl-oqsma tal-baħar, tal-ajru u tat-toroq f'pajjiżna. Dan qiegħed isir billi tinkiseb assistenza teknika minn pajjiżi oħra fl-Ewropa li diġà ħolqu entitajiet simili bil-ħsieb li jittejjeb l-ambjent, u jiġu evitati inċidenti fatali.

Wara d-diversi studji tekniċi li saru dwar it-titjib meħtieġ fit-tliet *landing ferry places*, is-sena d-dieħla mistenni li jinbeda x-xogħol fuq il-mollijiet ta' Bormla, Marsamxett u x-Xatt ta' Tas-Sliema. Eventwalment isiru *landing places* ġewwa San Pawl il-Baħar, San Ġiljan u Ta' Xbiex.

Il-Gvern qed jippjana li jilqa' għall-isfida tal-parkeġġ f'pajjiżna, li maż-żmien qed tkompli tikber. Għal dan il-għan, il-Gvern qed jaħdem biex jintroduċi skemi ġodda li permezz tagħhom iħajjar żviluppaturi biex joħolqu parkeġġi ġodda, speċjalment f'żoni urbani, fejn jintużaw ukoll teknoloġija moderna, bħal *mobile apps* u tabelli elettroniċi li jindikaw il-parkeġġi li hemm disponibbli.

Permezz ta' ppjanar meqjus u l-aqwa teknoloġiji, għandu jkollna pjattaforma sħiħa ta' servizzi marbuta mat-trasport, biex tkun iffaċilitata l-ħajja tan-nies.

## 4.3 Tal-Linja Card b'xejn

Sur President, wara li din is-sena estendejna l-għoti tal-Linja Card b'xejn għal wieħed u għoxrin elf (21,000) żagħżugħ u żagħżugħa fl-età ta' bejn 16-il sena u l-20 sena, liema skema kienet ta' suċċess enormi, ibbenefikaw minn din il-miżura.

Din l-iskema mhux talli se tibqa' fis-seħħ, iżda saħansitra għas-sena d-dieħla, sejrin nestenduha biex dawk li jkunu għalqu l-għoxrin sena iżda jkunu għadhom studenti *full-time*, sejrin jibqgħu eliġibbli għat-trasport b'xejn. L-istess se jsir għal dawk li għandhom erbatax -il sena u 'l fuq.

Matul din is-sena se jkun hemm diskussjonijiet mas-CRPD u l-Aġenzija Sapport biex naraw ukoll li jiġu inklużi kategoriji ta' persuni b'diżabilità biex tingħatalhom tal-Linja Card b'xejn.

## 4.4 Trasport kollettiv b'xejn lejn u mill-iskola għall-iskejjel kollha ta' Malta u Għawdex

Sur President, ftit tal-ġimgħat ilu, għadna kif implimentajna wegħda oħra elettorali, dik li jkun hemm trasport b'xejn għall-istudenti kollha, irrispettivament liema skola jattendu l-istudenti. B'din il-miżura li tiswa għoxrin miljun ewro, il-ġenituri ta' sitta u għoxrin elf (26,000) student se jiffrankaw ras għar-ras, €700 kull sena.

### 4.5 Għotja fuq xiri ta' roti, roti tal-elettriku *(pedelec bicycles)* u muturi

L-iskema fejn qed tingħata għotja fuq roti u roti elettroniċi li hi ekwivalenti għal *refund* sħiħ tal-VAT se tiġi estiża għal sena oħra.

Anki l-iskema introdotta fil-baġit għal din is-sena, dik li jinċentiva wkoll ix-xiri ta' muturi, *scooters* u roti assistiti b'mutur tal-elettriku għal massimu ta' €400, se tiġi estiża għas-sena d-dieħla.

### 4.6 Investiment f'mezzi ta' trasport alternattiv

L-iskema li daħħalna tliet snin ilu fejn qed jingħata *grant* kemm lill-Kunsilli Lokali kif ukoll lil dawk il-kumpaniji privati li jwaħħlu *bicycle racks* biex aktar persuni jitħajru jużaw ir-rota, se terġa' tiġi estiża għal sena oħra.

### 4.7 Inċentivi għal xiri ta' vetturi aktar idonji għall-ambjent

Bil-għan li nħeġġu aktar nies jixtru karozzi li ma jħammġux l-arja, l-inċentiv li neżentaw minn kull taxxa ta' reġistrazzjoni lil kull min jixtri karozzi elettriċi jew karozzi elettriċi ibridi (*plug-in*) tiġi estiża għas-sena d-dieħla.

## 4.8 Skemi Oħrajn

Fl-aħħarnett, għal sena oħra, se jiġu estiżi l-iskemi ta' skrappjar ta' vetturi u l-għoti ta' *grant* għal min jaqleb il-vettura tiegħu biex taħdem bil-gass minflok bil-petrol.

## 5. NINVESTU FL-AMBJENT

Sur President,

Dan il-Gvern huwa impenjat li jagħti prijorità lill-ambjent tagħna, il-kapital naturali ta' pajjiżna li rridu mhux biss naraw li nagħtuh protezzjoni, iżda rridu nsostnuh bl-aħjar mod possibbli għall-ġenerazzjonijiet futuri. Aħna kommessi li nagħmlu dan permezz ta' aktar investiment infrastrutturali, tisħiħ fl-aspett regolatorju, kif ukoll implimentazzjoni ta' miżuri u inizjattivi ambjentali li verament jagħtu valur lill-kapital naturali tagħna.

L-immaniġġjar tal-iskart jibqa' waħda mill-akbar sfidi li qed jiffaċċja l-pajjiż. L-għażla tal-Gvern illum hija waħda ċara; dik li jinvesti f'teknoloġija fejn mill-iskart mhux riċiklabbli tiġi ġġenerata l-enerġija. Li nibqgħu nieħdu meded kbar ta' art għal aktar miżbliet li jservuna relattivament ftit żmien, mhix sostennibbli, u ma nistgħux nibqgħu niddependu fuqhom. L-insularità tagħna tagħmel l-esportazzjoni ta' l-iskart piż finanzjarju qawwi. Dan konna diġà rajnieh meta fassalna l-Pjan għall-Immanniġġjar tal-iskart 2014-2020. Mhux se naqtgħu qalbna, l-isfidi nagħrfuhom u impenjati bis-sħiħ li nindizzawhom.

Ambjent Malta se tkun l-entità nazzjonali ta' pajjiżna għat-twettiq ta' interventi li jsaħħu l-kapital naturali tagħna.

### 5.1 Trattament tal-Iskart

Sur President, matul is-sena li ġejja se nkomplu l-ħidma tagħna fis-settur tal-iskart billi nippreparaw għal bini ta' *Material Recovery Facility* ġdida li se tieħu post dik li nħarqet. Dan filwaqt li nipprovdu għal infrastruttura temporanja biex nillimitaw l-ammont ta' skart riċiklabbli li jkollna nesportaw. Biex tikkumplimenta din il-faċilita se nibdew il-proċess biex ikollna *Multi-Material Recovery Facility* li se tgħin fir-riċiklaġġ ta' diversi materjali li altrimenti jispiċċaw fil-miżbla. Se nkomplu bil-proċess ta' disinn għall-facilità ta' *Waste-to-Energy* li se tkun ħolqa importanti fil-katina ta' faċilitajiet għall-immaniġġjar ta' l-iskart.

Huwa d-dmir ċiviku, morali u legali tagħna li nisseparaw u nimmaniġġjaw l-iskart li niġġeneraw aħna stess b'mod xieraq. Għalhekk se nkunu qegħdin nintensifikaw ħidmietna biex kulħadd jissepara l-iskart tiegħu issa li se jkollna wkoll servizz li jiġbor l-iskart organiku separat. Hija din l-ambizzjoni li twassalna biex inkomplu ninvestu bħal qatt qabel f'dan is-settur. Matul is-sena d-dieħla se nfasslu proposti biex l-iskart kummerċjali jkun regolat b'mod aktar sostennibbli.

### 5.2 Introduzzjoni ta' Skema fuq ġbir ta' kontenituri tax-xorb

Sur President, wara li aktar kmieni din is-sena ppubblikajna dokument ta' konsultazzjoni sabiex is-settur privat jibda jopera skema ta' sistema ta' depożitu fuq kontenituri tax-xorb, kien hemm rispons ferm pożittiv. Tul

is-sena d-dieħla, sejrin jibdew diskussjonijiet sabiex jintlaħaq ftehim ma' konsortju magħmul mill-operaturi u importaturi biex jiġi maqbul kif sistema bħal din tiġi implimentata.

### 5.3 Ambjent li jixraq għaż-żmien tal-llum

Il-ħidma ta' Ambjent Malta sejra tiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-*Management Plans* tas-siti Natura 2000, siti li jlaħħqu mal-11 fil-mija tat-territorju Malti. Se nieħdu ħsieb ukoll il-widien tagħna sew għall-bijodiversità li jħaddnu, kif ukoll għax iservu ta' passaġġ għall-ilmijiet tax-xita. Se nkunu qed nixprunaw dan is-settur permezz ta' aktar żidiet fl-investiment. Se nkomplu naħdmu fuq qafas leġiżlattiv li jirregola l-ħsejjes mhux koperti bil-liġi filwaqt li nfasslu sistema ta' infurzar armonizzata mal-awtoritajiet li b'xi mod jirregolaw il-ħoss. Se jibda x-xogħol fuq l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent u t-tfassil ta' strateġija għall-immaniġġjar ta' speċji aljeni. Se jkun hemm investiment fi stazzjon ġdid għall-monitoraġġ tal-arja.

Matul is-sena d-dieħla, mhux biss sejrin inkomplu bil-miżura li daħħalna din is-sena, fejn qegħdin inħawlu siġra ġdida għal kull tifel u tifla li titwieled, iżda sejrin ukoll nibdew niżirgħu siġra għal kull vettura ġdida li tiġi impurtata f'dawn il-gżejjer. Se jkompli wkoll l-investiment f'*Parks* Nazzjonali oħra fosthom dawk tal-Majjistral, l-Inwadar kif ukoll se tkompli l-ħidma biex nistabbilixxu l-ewwel *Geopark* f'pajjiżna.

Sejrin ukoll nibdew ninvestu fi proġetti ta’ tisbiħ ambjentali fl-ibliet u l-irħula u anki fiż-żoni industrijali li hawn fil-pajjiż.

**5.4 Il-qasam Agrikolu u tas-Sajd**

Wara t-tfassil tal-politika agrikola, issa se tibda l-implimentazzjoni ta’ numru ta’ miżuri. Fosthom irridu nkomplu nippromwovu l-prodott Malti bħala wieħed ta’ kwalità u ninvestu aktar fiċ-ċentru għar-riċerka dwar il-vitikoltura li għandna fil-Buskett.

Minkejja li l-biedja ma tikkontribwixxix ħafna għat-tkabbir ekonomiku kif ukoll għall-impjiegi, irridu nirristrutturaw dan is-settur biex ikun aktar profittabbli u allura jattira bdiewa żgħażagħ li jistgħu jibdew iħarsu lejn kunċetti ta’ *agri-business* u mhux biss biedja bil-mod tradizzjonali.

Fis-settur tas-sajd, filwaqt li nkomplu nnaqqsu l-piżijiet amministrattivi għas-sajjieda, se ninvestu fit-titjib taċ-Ċentru tal-Akwakultura f’San Luċjan u anke se jiġi żviluppat *control hub* ġdid fil-Marsa. Grazzi għal dan il-*control hub* is-servizzi offruti lis-sajjieda se jkunu ċentralizzati sewwasew biswit il-Pixkerija. Il-Gvern għandu wkoll il-ħsieb li jniedi skema sabiex jiġu rrestawrati dgħajjes tas-sajd tal-injam li għandhom iktar minn għoxrin sena. B’din l-inizjattiva se nkunu qed ngħinu lis-sajjied filwaqt li nippriservaw dgħajjes tradizzjonali Maltin u s-snajja’ marbuta magħhom.

## 5.5 Enerġija u Ilma

Sur President, matul din is-sena, kompliet il-ħidma biex tiġi assigurata provvista ta’ enerġija b’mod sostennibbli, partikolarment f’dak li għandu x’jaqsam mal-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku.

Kif kien imwiegħed, il-*power station* tal-Marsa ġiet żarmata kollha, filwaqt li ġie żarmat ukoll il-*heavy fuel oil plant* f’Delimara. Bħala parti mill-pjan tal-Gvern li juża aktar enerġija nadifa, kompliet il-ħidma fuq il-*pipeline* tal-gass li se jgħaqqad lil Malta ma’ Sqallija u ġie fi tmiemu l-proċess tal-ingaġġar ta’ diversi esperti li se jgħinu biex isiru l-istudji neċessarji għall-ħruġ tal-permessi f’Malta kif ukoll fl-Italja.

Wara l-ftuħ ta’ tliet *polishing plants* ġodda biex jipproduċu ilma ġdid irriċiklat ta’ livell terzjarju, tkompliet il-ħidma biex tissalvagwardja l-kwalità ta’ dan l-ilma.

Matul l-2019, l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma se tkompli taħdem fuq il-Pjan Nazzjonali tal-Enerġija u l-Klima għall-perjodu 2020-2030 biex jiġu identifikati numru ta’ azzjonijiet li se jittieħdu sabiex jintlaħqu l-miri Ewropej.

Il-Gvern se jibqa’ jikkommetti ruħu sabiex jippromwovi l-enerġija rinovabbli u l-użu effiċjenti ta’ sorsi ta’ enerġija, kif ukoll jinkoraġġixxi l-konservazzjoni tal-ilma fis-settur domestiku, permezz ta’ diversi skemi.

## 5.6 Enerġija

Sur President, tul is-sena d-dieħla, sejrin inkomplu bil-politika tagħna li jkollna prezzijiet stabbli tal-prezz tad-dawl u l-ilma kif ukoll il-prezz tal-fjuwil, għal perijodu twil.

Sejrin inkompli niffokaw sabiex dan is-settur fundamentali għat-tkabbir ekonomiku tal-pajjiż ikompli jissaħħaħ u jilqa' għall-isfidi tal-ġejjieni. Dan se jsir b'numru ta' miżuri kemm fil-qasam tal-ġenerazzjoni u distribuzzjoni kif ukoll b'inċentivi indirizzati biex l-enerġija tintuża b'mod aktar effiċjenti.

Barra minn hekk, sejrin inkomplu naħdmu ħalli nipprovdu iktar enerġija nadifa billi nippromwovu l-użu tal-enerġija rinovabbli filwaqt li ngħinu lill-familji u l-intrapriżi jagħrfu jnaqqsu l-konsum tagħhom.

L-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma se tkompli tagħti *energy audits* lil dawk il-familji u l-intrapriżi filwaqt li tkompli l-assistenza lil individwi vulnerabbli fit-tnaqqis tal-konsum tagħhom billi jinbidlulhom l-*appliances* il-qodma tagħhom f'dawk ġodda.

L-Enemalta se tkompli ssaħħaħ id-distribuzzjoni tal-elettriku bl-estensjoni u x-xogħol f'diversi ċentri ta' distribuzzjoni fosthom dak f'Paceville, f'Marsaskala u fil-Kappara biex tintlaħaq aħjar id-domanda tal-elettriku f'dawk il-lokalitajiet.

Se jinbidlu *transformers* fiċ-ċentru tad-distribuzzjoni f'Ħal Tarxien. Fl-istess ħin se jkompli wkoll ix-xogħol t' *automation* ta' numru ieħor ta' *substations.*

Se tkompli l-ħidma biex jittejjeb il-*call centre* tal-ARMS, waqt li se jsir *upgrade* fl-i*Smart Utilities Portal* u *mobile app* ġdida fejn il-klijenti kollha tal-ARMS se jkollhom aċċess iktar faċli għall-informazzjoni fuq il-konsum u l-kontijiet tagħhom.

Sejrin inkomplu naħdmu biex jiġi pprovdut fjuwil ta' kwalità tajba. Għal dan il-għan, il-Kumpanija Enemed sejra timmodernizza l-impjant ta' ħażna f'Ħal-Saptan u tiżviluppa *filling station* ġdid u jiġu immodernizzati l-faċilitajiet ta' ħażna ta' *jet fuel* li jinsab fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

**5.7 Ilma**

Bħas-snin preċedenti se jkomplu l-investimenti li qed isiru biex itejjeb ir-*Reverse Osmosis* f'Malta, filwaqt li se jkompli x-xogħol fuq il-bini tar-*Reverse Osmosis* f'Ħondoq ir-Rummien.

Sejjer jitkompla x-xogħol għad-distribuzzjoni aħjar tal-ilma, kif ukoll titjieb il-kwalita' tal-ilma permezz ta' bini ta' mina li qed issir bejn ir-*Reverse Osmosis* f'Pembroke għall-ġibjuni f'Ta' Qali.

Il-bdiewa se jkomplu wkoll jiġu assistiti bid-distribuzzjoni ta' ilma ġdid. Għaldaqstant se jkompli x-xogħol fuq in-*network* tan-Nofsinhar ta' Malta u dak f'Għawdex.

Waqt li se jitkompla l-proċess tal-estrazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, se tiġi introdotta sistema awtomatika u se jiżdiedu l-kontrolli biex din l-estrazzjoni ta' ilma ssir bl-aktar mod sostennibbli.

Huwa wkoll ippjanat li jkomplu jingħataw inċentivi lil dawk il-familji li jridu jirrestawraw il-bir tad-dar tagħhom.

Hu mistenni li jibda xogħol fuq ir-rijabilitazzjoni taż-żewġ stazzjonijiet strateġiċi ta' ippumpjar li jinsabu fil-galleriji tal-ilma f'Ta' Kandja u Ta' Bakkja, kif ukoll taċ-Chadwick Lakes, li jservi wkoll bħal post ta' rikreazzjoni edukattiva għall-familja.

Il-Gvern huwa wkoll kommess li jkompli jaħdem biex jitnaqqas ir-riskju tal-għargħar f'pajjiżna. Għaldaqstant, se jsiru studji dettaljati sabiex jiġu żviluppati aktar miżuri li jistgħu inaqqsu dan ir-riskju filwaqt li jimmassimizzaw l-użu tal-ilma tax-xita.

# 6. INSAĦĦU L-KOMPETITTIVITÀ

Sur President,

It-tkabbir ekonomiku b'saħħtu li qed nesperjenzaw huwa riżultat ta' politika serja u pjan ċar li għandu l-Gvern Malti. Għaldaqstant, hija l-intenzjoni tal-Gvern, li nkomplu nddaħħlu miżuri oħrajn biex inkomplu niġġeneraw ekonomija li toħloq aktar ġid u kwalità ta' ħajja aħjar.

## 6.1 Taxxa fuq il-Kumpaniji

Sur President, aħna kontra l-abbuż mis-sistemi tat-taxxa u għaldaqstant se ngħidha bla tlaqliq ta' xejn li, kontra dak li ġieli ngħid, aħna la ħloqna u lanqas biħsiebna noħolqu opportunitajiet li jgħinu fl-iskansar tat-taxxa tal-kumpaniji jew ta' individwi barranin li jistgħu jiġu jgħixu Malta taħt skema jew oħra. Qed nirreferi għat-*Tax Avoidance* tal-kumpaniji. Aħna favur l-investiment li jirrendi u l-intrapriża serja u għaldaqstant mhux biħsiebna nittolleraw lil ħadd li juża lil pajjiżna jew il-qafas regolatorju tagħna għall-gwadann mhux mistħoqq mill-iskansar tat-taxxa.

Sur President, il-Gvern Malti qiegħed ikompli bl-impenn u l-ġlieda tiegħu kontra l-iskansar mit-taxxa. Dan qiegħed jagħmlu bi strateġija mibnija fuq tliet pilastri ewlenin. L-ewwel billi nikkoperaw ma' pajjiżi oħra li bħalna huma kommessi kontra l-abbuż mis-sistemi tat-taxxi. It-tieni billi nkompli nsaħħu l-qafas regolatorju u nissodaw l-amministrazzjoni tat-taxxa tagħna sabiex dak li huwa dovut f'taxxa jinġabar kollu b'mod effiċjenti u

fil-ħin.  It tielet billi nżidu t-trasparenza fis-sistemi tat-taxxa tagħna u l-kontabilità sabiex innaqqsu l-opportunità li t-taxxa tiġi skansata minn dawk li għandhom id-dover li jħallsuha.

Għal dan il-għan, pajjiżna kien minn tal-ewwel li ssieħeb fil-programm tal-*OECD*, imsejjaħ *BEPS*, għal *Base Erosion Profit Shifting*, li għandu l-għan li jiġġieled b'mod attiv u effettiv kull abbuż mis-sistemi tat-taxxa.  Ukoll, pajjiżna adotta l-ewwel Direttiva tal-Unjoni Ewropea kontra l-iskansar mit-taxxa *(ATAD 1)* u kien strumentali sabiex waqt il-Presidenza tiegħu tal-Kunsill Ewropew ġiet innegozjata u maqbula t-tieni direttiva għal dan il-għan *(ATAD 2)*.  Qbilna ma' u se ndaħħlu d-direttiva dwar l-għoti ta' tagħrif mandatorju *(DAC6)* filwaqt li għaddejja l-ħidma neċessarja sabiex nimplimentaw l-*EU Dispute Resolution Mechanism*.  Dawn il-miżuri, ma' oħrajn li nieħdu b'mod regolari ma' kull baġit, kollha qegħdin jgħinu sabiex inkomplu nsaħħu u ntejbu l-qafas regolatorju tagħna għal-livell ta' dawk misjuba f'pajjiżi avvanzati oħra.

Aktar tagħrif qed jiġi mogħti f'Tabella 6.1

**6.2 Strateġija kontra l-Ħasil ta' Flus**

Wara li matul din is-sena, ġew iffinalizzati r-riżultati tal-evalwazzjoni magħrufa bħala *National Risk Assessment* fejn jidħol il-ħasil ta' flus. Tlestiet ukoll l-Istrateġija ta' Pjan t'Azzjoni, b'ħamsa u erbgħin azzjoni li se jitwettqu fuq medda ta' tliet snin, li għandu l-għan li jkompli jsaħħaħ l-

istituzzjonijiet regolatorji u ta’ superviżjoni ta’ Malta sabiex ikunu aktar effikaċi fil-ġlieda tagħhom kontra l-ħasil ta’ flus.

L-ewwel azzjoni ta’ dan il-Pjan kien it-twaqqif tal-Kumitat Nazzjonali ta’ Koordinament u li issa għandu Segretarjat li x-xogħol tiegħu hu li jagħti s-sapport u l-assistenza teknika sabiex jara li jiġu mwettqa l-azzjonijiet li jkunu maqbula li għandhom isiru.

Dettalji tal-ħidma li saret minn dan il-Kumitat flimkien mas-segretarjat tiegħu, qed tiġi murija f’Tabella 6.2.

## 6.3 Il-Bank Malti ta’ Żvilupp

Matul din is-sena il-Bank għadda minn proċess wiesà ta’ konsultazzjoni mal-imsieħba strateġiċi sabiex jiġu identifikati oqsma fejn il-Bank jista’ joffri s-servizzi tiegħu sabiex isaħħaħ l-aċċess għal finanzjament ta’ investiment ġdid. Fl-ewwel ta’ Ottubru, il-Bank ipparteċipa fl-ewwel strument finanzjarju b’kollaborazzjoni ma’ bank kummerċjali u mal-Uffiċċju tan-Negozju tal-Familja bil-għan illi jiffaċilita t-trasferiment ta’ dan it-tip ta’ negozji sabiex jizgura s-sostennibbilità ta’dan is-settur. Matul ix-xhur li ġejjin, il-Bank għandu pjanijiet li joffri skemi u faċilitajiet ġodda biex jikkontribwixxi għal aktar investiment kemm minn SMEs kif ukoll fi proġetti ta’ infrastruttura.

## 6.4 Ħidma mill-Borża ta' Malta

Il-Borża ta' Malta matul is-sena d-dieħla ħa tkun qiedgħa tgħin kumpaniji żgħar lokali li qed jiżviluppaw fis-settur tal-informatika fis-swieq finanzjarji. Dan is-settur magħruf bħala *Fintech* huwa wieħed mill-aktar setturi li għandu potenzjal ta' tkabbir u għalhekk il-Borża ta' Malta nidiet il-programm ta' *Fintech Accelerator* li l-għan tiegħu hu li jgħin lil dawn il-kumpaniji li għadhom jibdew f'dan is-settur b'mod effettiv u bi spejjeż li jistgħu jlaħħqu magħhom.

Il-Borża sejra tkompli taħdem biex twettaq il-viżjoni tagħha li tidħol bi sħab ma' kumpaniji li joperaw fis-settur tal-*blockchain* u *cryptocurrencies*.

Id-diskussjonijiet madwar l-inizjattiva dwar strumenti finanzjarji, magħrufin bħala *Real Estate Investment Trusts* jew *REITS*, li jipprovdu lill-investituri l-opportunità li jinvestu indirettament fis-suq tal-proprjetà, waslu biex jiġu konklużi u qed jiġi ppjanat li mis-sena d-dieħla jitlestew il-proċessi amministrattivi, fiskali u regolatorji biex *REITS* jistgħu wkoll jibdew jiġu negozjati fuq is-swieq tal-Borża ta' Malta.

## 6.5 Is-settur tas-Servizzi Finanzjarji

Fl-aħħar sena, il-Gvern ħa diversi miżuri sabiex isaħħaħ is-servizzi finanzjarji tagħna. Ġiet emendata l-liġi tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji sabiex tinbidel l-istruttura tagħha ħalli b'hekk tirrifletti iktar iż-

żminijiet tal-lum, u tkompli tkun strumentali sabiex dan is-settur ikompli jikber u jikkontribwixxi għall- għajxien ta' eluf ta' Maltin u Għawdxin.

Sabiex pajjiżna jibqa' kompetittiv, jeħtieġ li mhux biss insegwi mill-qrib dan li qed jiġri fuq livell internazzjonali imma li bħala Gvern ikollna *channel* miftuħ mal-industrija u mal-*practitioners*, permezz ta' *Consultative Body*.

**6.6 Inkomplu nibnu fuq l-Istrateġija għat-teknoloġija tal-*Blockchain***

Sur President, matul din is-sena għaddew mill-Parlament Malti tliet liġijiet dwar it-teknoloġija tal-*blockchain*. Bihom Malta saret ewwel pajjiż fid-dinja li qed ipoġġi qafas legali sabiex kumpaniji li jaħdmu b'din it-teknologija jibdew joperaw minn Malta.

Dan mhux biss se jwassal għal iktar ħolqien ta' xogħol u investiment imma se nkunu qed nattiraw ħiliet ġodda lejn pajjiżna, b'riżultat li r-riżors uman ikompli jitjieb.

Parti importanti oħra ta' dawn il-liġijiet dwar il-*blockchain* hu li permezz tagħhom Malta se tkun qed tagħti protezzjoni kemm lill-konsumatur kif ukoll lill-investitur. Kien għalhekk li twaqqfet awtorità ġdida *Malta Digital Innovation Authority* li se tkun qed tiċċertifika din it-teknoloġija kif ukoll l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji se jkun qed ikollha *unit* speċjalizzat għal *fintech*.

Sejrin nippreżentaw abbozz ta' liġi li fih se nkunu qed nagħtu personalità legali lil ċerti aspetti tat-teknoloġija *blockchain*, filwaqt li se nkunu qed inniedu wkoll dokument li se jispjega kif qed nesploraw li noħolqu qafas regolatorju għal teknoloġiji meqjusa bħala *disruptive* bħall-*Artificial Intelligence* u *Internet of Things* li jikkumplimentaw il-*blockchain*.

Fil-qasam tal-komunikazzjoni, is-sena d-dieħla, l-Awtorità Maltija tal-Kommunikazzjoni qed tniedi *feasibility study* sabiex jiġu identifikati interess u applikazzjonijiet fit-teknoloġija tal-*5G*.

## 6.7 *Tech.mt*

Dawn l-iżviluppi li saru fl-aħħar sena kif ukoll il-miżuri li ħabbart għas-sena li ġejja, jeħtieġu li jkun hemm promozzjoni barra minn Malta.

Sal-lum il-ġurnata, hawn numru ta' fondazzjonijiet li kull waħda qed tagħmel il-promozzjoni tal-qasam tagħha. Sabiex inżidu l-promozzjoni ta' *disruptive technologies*, se nkunu qed inpoġġu taħt qafas wieħed, il-fondazzjoni li jmissu mat-teknoloġija. Għalhekk se tkun qed titwaqqaf Tech.mt li se tkun qed taqdi dan ir-rwol.

### 6.8 Żviluppi fil-qasam tal-*iGaming*

Qasam importanti ħafna hu dak tal-*iGaming*. Din is-sena għamilna leġiżlazzjoni li ġabret fiha bosta liġijiet tal-logħob. Dan se jkompli jgħin sabiex Malta tibqa' ċentru ewlieni f'dan il-qasam.

Se nkunu wkoll qed naħdmu sabiex nattiraw kumpaniji ta' *e-Sports* li huwa settur li jipprometti. Nemmnu li bl-esperjenza li ksibna matul is-snin f'*igaming* u f'inizjattivi ġodda li ħadna fl-aħħar xhur, Malta tista' tkun ċentru ewlieni f'dan is-settur ukoll.

### 6.9 Is-settur tal-Manifattura

Sur President, il-Malta Industrial Parks qed taħdem fuq *Public Private Partnership (PPP)* f'diversi żoni industrijali madwar Malta, sabiex tkun tista' takkomoda aktar negozji żgħar fi *clusters* industrijali.

Fis-settur Farmaċewtiku, bħala regolatur, l-Awtorità Maltija dwar il-Mediċini rnexxielha tbiddel lill-industrija farmaċewtika f'settur innovattiv u ottimizzat li jiffoka fuq il-pazjent. Dan il-proċess se jkompli jiġġedded matul is-sena li ġejja permezz ta' inizjattivi mmirati li jestendu l-mandat regolatorju tal-Awtorità għal apparati mediċi bil-għan li nikkonsolidaw il-ħiliet u l-għarfien espert disponibbli fuq livell Nazzjonali. L-Awtorità se tkompli tiżviluppa wkoll il-qafas regolatorju għall-użu tal-kannabis għal skopijiet mediċinali biex tiżgura li Malta jkollha ġurisdizzjoni f'dan il-qasam. L-aċċessibbilità tal-mediċini se tibqa' prijorità.

## 6.10 Brexit

Filwaqt li tul din is-sena kompliet tissokta l-ħidma tal-*Malta UK Business Promotion Task Force*, matul is-sena d-dieħla, il-Malta Enterprise mistennija tniedi skema li toffri għajnuna fuq servizzi ta' *business advisory* intenzjonat li jgħin *SME*s lokali li l-kummerċ tagħhom jiddependi l-aktar mis-suq fir-Renju Unit. Qed isiru diversi laqgħat, sabiex jiġi attirat investiment lejn pajjiżna meta jseħħ il-Brexit.

## 6.11 Att dwar il- *Free Zones*

Matul din is-sena tkompliet ħidma fuq liġi ġdida dwar il-kummerċ ħieles, bil-għan li jitwaqqfu żoni ġodda bħal tal-*Freeport*, skont il-ħtieġa. Dan l-Att mistenni, jiffaċilita investiment ġdid fis-servizzi tal-loġistika Internazzjonali. Dan mhux biss joħloq impjiegi ġodda imma jkun ta' għajnuna għal kumpaniji eżistenti billi jwassal għal żieda u titjib fis-servizzi bl-ajru u bil-baħar.

## 6.12 Assistenza għal *Start-Ups*

Sabiex inkomplu nkattru l-intraprenditorjat f'pajjiżna, se niffokaw fuq pjan t'azzjoni li jgħin lil *start-ups* jikbru. F'dan ir-rigward, se tkompli tiġi ppromwovata l-iskema ta' *Seed Investment Scheme*.

Barra minn hekk, huwa maħsub li noħolqu ekosistema li tgħin lil *start-ups* jikbru, u għalhekk se nkunu qed nintroduċu skema ta' *start-up visa* bil-ħsieb li niffaċilitaw il-proċess biex aktar *start-ups* barranin jagħżlu li jistabbilixxu ruħhom hawn Malta. Bil-ħolqien ta' *co-working space*, matul din is-sena, se inniedu *accelerator programme* bi sħubija ma' entità internazzjonali.

## 6.13 Air Malta

Il-Kumpanija Air Malta kompliet għaddejja b'ritmu mgħaġġel ta' tkabbir fejn qed narawha timraħ f'aktar rotot u opportunitajiet ġodda hekk li naqra naqra mexjin verament lejn il-viżjoni li din il-linja tal-ajru tant vitali għal pajjiżna ssir il-Linja tal-Ajru tal-Mediterran. Hija kkontribwixxiet bis-sħiħ lejn it-tkabbir li qed nesperjenzaw fit-turiżmu permezz ta' rotot ġodda li introduċiet matul din is-sena.

Dan hu wkoll riżultat ta' deċiżjonijiet importanti li ttieħdu dwar l-Air Malta fl-aħħar xhur fosthom l-addozzjoni tà *Business Plan* ġdid, il-konklużjoni tal-ftehimiet kollettivi tas-sezzjonijiet differenti tal-ħaddiema u l-*hiving off* tas-servizzi tal-*groundhandling* biex il-kumpanija tkun tistà tiffoka iktar fuq il-*core business* tagħha. Din l-istrateġija wasslet, biex setgħu jiġu introdotti prezzijiet iktar kompetittivi permezz ta' mudelli ġodda, iktar rotot ġodda, żieda fil-frekwenza tal-iktar rotot popolari u tkabbir tal-flotta b'ajruplani aktar moderni.

Fl-aħħar sena, l-Air Malta rat żieda *double digit* fin-numru ta' passiġġieri xahar għal xahar filwaqt li għall-ewwel darba l-kumpanija għalqet is-sena finanzjarja tagħha mingħajr ebda telf.

Għaddejjin bi proċess biex nimmodernizzaw il-flotta tal-Air Malta. Il-mira tas-sena d-dieħla hi li nikkonsolidaw u nkomplu ntejbu l-operat tagħna. Ir-rotot il-ġodda waħedhom mistennija jsarrfu għal xejn anqas minn 250 elf turist addizzjonali lejn pajjiżna.

## 6.14 Turiżmu

Għall-2019, il-prospetti għat-turiżmu jidhru wkoll ferm inkoraġġanti f'termini ta' żidiet, wara li ġew konklużi negozjati ma' diversi kumpaniji tal-ajru barranin u se jkompli l-immodernizzar tal-flotta tal-Air Malta.

Fost il-prijoritajiet għas-sena d-dieħla se naraw li napprofittaw ruħna b'aktar konnettività bejn Malta u l-Ewropa tal-Lvant billi nsaħħu r-rappreżentanza tagħna u nkomplu nikkonċentraw l-isforzi tagħna fis-swieq aktar `il bogħod minn xtutna.

Sabiex nassiguraw ritorn xieraq għall-Gvern mit-Turiżmu, liema ritorn jerġa' jiġi ri-investit fit-titjib tal-prodott, se inkunu qed nanalizzaw il-prestazzjoni tal-eko-kontribuzzjoni ta' dawn l-aħħar snin u naraw, flimkien mal-*istakeholders*, kif nimmassimizzaw il-ġbir ta' din il-kontribuzzjoni.

Il-programm ta' xogħlijiet u inizjattivi ta' tindif, tisbiħ, manutenzjoni u aċċessibbiltà f'diversi lokalitajiet u xtajtiet madwar Malta kollha se jitkompla matul is-sena d-dieħla, fosthom il-*promenades* tal-Imsida u l-Gżira.

Sabiex jiżdiedu ż-żoni tal-għawm ramlin, se nkunu qegħdin nesploraw il-possibbiltà li nkomplu noħolqu bajjiet ġodda. Qed nistudjaw l-possibbiltà ta' tkabbir ta' bajjiet fin-Nofsinhar ta' Malta li jinkludu: il-Bajja tar-Rinella fil-Kalkara, il-Fajtata f'Marsaskala, u l-Bajja ta' San Ġorġ, f'Birżebbuġia, fost oħrajn. Xogħlijiet oħra li huma ppjanati f'dawn il-bajjiet huma t-tindif regolari tagħhom, żieda fl-aċċessibbiltà, installazzjoni ta' *showers* u manutenzjoni ġenerali taż-żoni.

Hu ppjanat ukoll li jkompli jiġi estiż il-programm ta' mmaniġġjar ta' numru ta' bajjiet u jingħata *impetus* ġdid billi jittejbu l-faċilitajiet fuq il-kosta tagħna u billi jitwal iż-żmien li matulu jingħataw is-servizzi li jiġu pprovduti fil-bajjiet tagħna.

Paceville u l-inħawi tal-madwar, jibqgħu pulmun ewlieni għall-industrija Maltija, però nafu tajjeb li ż-żona kollha għandha bżonn tiġi indirizzata bis-serjetà u b'mod ħolistiku. Fil-fatt, hekk kif tħabbar riċentament, se nniedu programm ambizzjuż ta' tisbiħ ġewwa Paceville.

F’Marsaxlokk se nkomplu wkoll bil-proġett ta’ riġenerazzjoni billi nvaraw ix-xogħlijiet relatati mar-riġenerazzjoni taż-Żona tal-Magħluq u t-tisbiħ ta’ Xatt is-Sajjieda. B’mod parallelu, f’Birżebbuġa, se jitlaq il-proċess biex jitwettaq proġett ħolistiku ta’ riġenerazzjoni.

Is-sena d-dieħla se nkunu għaddejjin bi programm estensiv ta’ mmodernizzar tal-faċilitajiet tal-istudjos u t-tankijiet fir-Rinella filwaqt li se nkunu qed inżidu l-inċentivi fiskali għal din l-industrija bil-għan li pajjiżna jsir iżjed kompetittiv biex jattira iktar produzzjonijiet internazzjonali.

## 6.15 Avjazzjoni

L-avjazzjoni huwa settur ieħor li qed tikkontribwixxi għall-ħolqien tal-ġid u l-impjiegi f’Malta. Għal dan il-għan, matul is-sena d-dieħla, se tkun qed tiġi aġġornata l-politika tal-avjazzjoni. Din il-politika se tkun tinkludi wkoll *Master Plan* għaż-Żona tal-Ajruport.

Ser jibda x-xogħol fuq il-bini tal-*Air Traffic Control Centre*, ċentru li mistenni jservi aħjar il-ħtiġijiet kollha tas-settur għal mill-inqas ħamsin sena li ġejjin.

**Tabella 6.1 Malta's Continued Work in relation to Anti-Tax Avoidance Measures, Tax Certainty and the OECD BEPS Project**

**1. The implementation of the EU Anti-Tax Avoidance Directive (ATAD 1)**

As from 1 January 2019, Maltese law will provide for the following anti-tax avoidance measures:

**1.1 Interest limitation**

When interest and similar borrowing costs of a company exceed interest receivable, the maximum tax deduction that can be claimed in a tax period in respect of the excess costs will be 30% of EBITDA (i.e. earnings before interest, tax, depreciation and amortisation). Unutilised costs may be carried forward (subject to any further limitations that may be applicable under the normal provisions of the Income Tax Act). The new restrictions will not apply in cases where the exceeding borrowing costs do not exceed €3,000,000.

In line with the Directive, the regulations envisage the possibility of this limitation being calculated and applied at group level.

The limitation will not apply to financial undertakings. Nor will it apply to costs on loans used to fund long-term public infrastructure EU projects or loans concluded before 17 June 2016.

**1.2 Exit tax**

A change of residence of a company, or the movement of its assets or of its business to another territory will be treated as a taxable exit event. In such a case, the company will become subject to tax in the same manner as if it has disposed of its assets. The accrued gains will be calculated by reference to the market value of the asset at the time of the exit. Where the country of the new residence of the taxpayer or of the new location of the assets is another EU Member State, the payment of the tax can be deferred.

No exit tax will be chargeable in the case of a temporary movement of assets that is linked to certain financial transactions as long as the assets are returned within 12 months.

**1.3 GAAR**

The Income Tax Act already contains a general anti-abuse provision (article 51) that empowers the Commissioner for Revenue to ignore tax avoidance schemes. The new regulations add to this rule by applying the definition of tax avoidance schemes as used in the Directive. The measure will accordingly apply to arrangements which are not genuine, meaning that they are not put into place for valid commercial reasons that reflect economic reality, and which have been put in place with a main purpose of obtaining a tax advantage that defeats the object or purpose of tax law.

**1.4 Controlled Foreign Company (CFC) Rules**

An entity will be considered a CFC where it is subject to more than 50% control by a parent company that is tax resident in Malta and its associated enterprises and the tax paid on its profits is less than half the tax that would have been paid had the income been subject to tax in Malta.

The measure will not apply:

- To a CFC with accounting profits of no more than EUR 750,000, and non-trading income of no more than EUR 75,000; or
- To a CFC whose accounting profits amount to no more than 10 percent of its operating costs for the tax period.
-

The parent company will be entitled to double taxation relief for the tax paid by the CFC on the included income. The regulations also provide for the avoidance of double taxation that could arise if the CFC subsequently distributes its profits or the parent company disposes of its interest in the CFC.

**2. Implementation of the EU ATAD 2**

Through its complex provisions, ATAD 2 replaced the original anti-hybrid provisions of ATAD 1 by extending them to include mismatches involving third countries and expanding the definition of hybrid mismatches to include hybrid permanent establishment mismatches, hybrid transfers, imported mismatches, reverse hybrid mismatches and dual resident mismatches. Regulations for the transposition of ATAD 2 are being prepared and will meet the implementation deadlines set out in the directive (1 January 2020 and 1 January 2022).

### 3. Implementation of the OECD Multilateral Instrument

At OECD level, countries agreed on a BEPS Multilateral Instrument to implement key BEPS recommendations relating to bilateral tax treaties. Malta signed the Multilateral Instrument in June 2017. The Maltese Parliament has ratified this Instrument.

### 4. Implementation of the EU Mandatory Disclosure Directive (DAC6)

Regulations for the transposition of DAC 6 are being prepared and will meet the implementation deadlines set out in the Directive (1 January 2020).

### 5. Taxation of the Digital Economy

Malta is engaging in discussions concerning these matters with a view that a system of international taxation is established which is appropriate to meet the challenges and opportunities that arise from the digitisation of the economy.

### 6. Implementation of the EU Dispute Resolution Mechanism (DRM) Directive

Work has commenced on the implementation of the DRM. This Directive will be instrumental in providing Maltese taxpayers with access to a new dispute resolution framework in relation to disputes with other EU tax authorities that may come about given the changes that are being implemented in the international tax arena. This Directive will be implemented by the end of June 2019 so as to provide Maltese taxpayers with access to this new dispute resolution framework.

### 7. The Introduction of a Patent Box Regime in line with the EU Code of Conduct on Business Taxation and the OECD BEPS standard

The Government will move forward with the introduction of a new patent box regime that complies with the EU Code of Conduct (Business Taxation) and the OECD proposals on preferential intellectual property regimes (the so-called Modified Nexus Approach).

**8. The Effect of these Measures on Malta's position in the international tax arena**

The implementation of the above measures will bring Maltese provisions in line with international standards, but they will not bring about any changes to the Maltese general tax system. The regulations implementing these changes will establish the same anti-tax avoidance regimes that will be applicable throughout the EU, but the current rules on the taxation of company profits will remain fully in force. The same applies to Malta's tonnage tax regime, which has recently been cleared both by the OECD Forum on Harmful Tax Practices and under the EU State Aid rules.

The transposition of these measures constitutes a confirmation of Malta's support for international anti-tax avoidance initiatives. Malta's commitment is also evidenced by the obligations it assumed in 2017 when it joined the OECD Inclusive Framework and by its rating under the OECD's Global Forum on Transparency and Exchange of Information for Tax Purposes.

**9. Malta's role during its EU Presidency**

During Malta's EU Presidency, it played a leading role in advancing and brokering the successful conclusion of EU tax initiatives during its presidency in 2017. This included the agreement reached on ATAD 2, the introduction, discussion, development and adoption of the Double Taxation Dispute Resolution Mechanism Directive, and the role it played in obtaining consensus in the Code of Conduct sub-Group on Third Countries that enabled the Code of Conduct Group to commence the exercise for the establishment of the EU list of non-cooperative jurisdictions for tax purposes.

**10. Bilateral Double Taxation Agreements**

Malta continues to negotiate new tax treaties and currently has in place 74 Double Taxation Agreements spanning jurisdictions from all continents. Malta's growing list of bilateral double taxation agreements demonstrates that its tax system enjoys respect worldwide.

**Tabella 6.2 Miżuri meħuda f'2018 sabiex insaħħu l-ġlieda kontra l-ħasil ta' flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu**

| | |
|---|---|
| Frar | Ġew konklużi ir-riżultati ta' evalwazzjoni li saret, magħrufa bħala *National Risk Assessment* li jiddentifika r-riskji u l-vulnerabilitijiet ta' Malta fil-qasam tal-ħasil ta' flus u l-iffinanzjar ta' terroriżmu. |
| April | Ġie mwaqqaf il-Kumitat Nazzjonali fil-Koordinament kontra l-Ħasil ta' Flus u l-Iffinanzjar ta' Terroriżmu magħruf bħala n-*National Coordinating Committee for Anti-Money Laundering and the Combat of Financing of Terrorism (NCC)*. Il-bord tal-NCC qed jiltaqa' perjodikament kull xahar. |
| April | Ġie ippublikat l-Pjan Nazzjonali magħruf bħala l-*AML/CFT Action Plan* li jelenka 45 azzjoni li jridu jitwettqu matul it-tlett snin li ġejjin. |
| April sa Ottubru | Ġew iffurmati seba' *workblocks* li qed jiltaqgħu sabiex jiġu indirizzati l-problemi li qed jiffaċjaw l-organiżazzjonijiet kompetenti differenti taħt is-supervizzjoni tal-NCC. |
| April sa Ottubru | Saru iktar minn tletin żjara minn konsulenti barranin li ġew ingaġġati biex jgħinu u jagħtu l-konsulenza tagħhom lill-organizazzjonijiet kompetenti lokali. |
| Ġunju sa Ottubru | L-NCC iffaċilita' l-iffirmar ta' MoUs bejn organiżazzjonijiet kompetenti differenti sabiex tiġi msaħħa l-*intelligence sharing* u l-kooperazzjoni bejniethom. |

## 7. INTERN; ĠUSTIZZJA u GĦAWDEX

### 7.1 Kunsilli Lokali

Sur President, wara li din is-sena nedejna "White Paper" dwar ir-Riforma fil-Kunsill Lokali u morna għal konsultazzjoni pubblika, bdejna ukoll nindirizżaw ir-Riforma fil-Kunsilli Lokali bil-għan li nsaħħu l-operat tal-Kunsilli Lokali, nispeċifikaw l-irwol u r-responsabbiltajiet tar-Reġjuni, kif ukoll intejbu l-kwalità tas-servizz li jingħata fil-lokalità. Din ir-Riforma ser tkompli wkoll matul l-2019.

Qed jinħoloq fond għall-kunsilli lokali li bbenefikaw minn proġett infrastrutturali maġġuri fil-lokalità tagħhom, imwettaq mill-Gvern Ċentrali. Dan il-fond huwa maħsub biex jassisti lill-kunsill lokali rispettiv biex iwettaq iż-żamma u l-manutenzjoni meħtieġa tal-proġett imsemmi.

Se nintroduċu skema ġdida ta' fondi li tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali biex jipproponu inizjattivi li jindirizzaw il-kwistjonijiet tal-benesseri jew stil ta' ħajja sana għaċ-ċittadin. Fl-istess ħin se niffinanzjaw lir-Reġjuni biex ikollhom rwol aktar attiv.

## 7.2 Indafa

L-Indafa Pubblika hija kruċjali u għalhekk se nkomplu bil-missjoni tagħna biex intejbu aktar il-kordinament tat-tindif u ż-żamma tal-gżejjer Maltin billi nkomplu nnaddfu ż-żoni kollha tal-Gvern ċentrali, iż-żoni turistiċi, il-Belt Kapitali u oqsma oħra li huma frekwentati mill-pubbliku.

## 7.3 Twaqqif ta’ Aġenzija tal-Kuntratti

Il-Gvern huwa konxju li huwa meħtieg li mhux biss jinvolvi lis-settur privat fil-proġetti tiegħu u jidħol f’konċessjonijiet għal proġetti ta’ ċertu daqs li jiġġeneraw ix-xogħol u l-ġid imma jara li huwa meħtieġ ukoll li jistruttura aħjar il-mod ta’ moniteraġġ ta’ kull tip ta’ kuntratti jew konċessjonijiet li jagħti l-Gvern. Dan bl-għan li jkun assigurat li dak miftiehem fil-kuntratt jew fit-tenders ikun qed jiġi esegwit. Diġà saru tħejjijiet preliminari biex jinstab l-aħjar mod kif dan il-moniteraġġ jista’ jsir b’mod effettiv u għalhekk matul is-sena li ġejja se tkun qed titwaqqaf entità li se tkun qed taqdi din il-funzjoni.

### 7.4 Aktar investiment fid-Dwana

Il-Gvern qiegħed iżid l-investiment fid-Dwana biex iżid is-sigurtà tal-pajjiż, speċjalment fuq il-fruntiera u b'hekk ikun f'pożizzjoni aħjar ħalli jikkumbatti kull attività illeċta u illegali, jassigura l-kompetizzjoni ġusta u jillimita l-evażjoni ta' taxxi u dazji, fil-kuntest tal-ħarsien tas-saltna tad-dritt u tal-ordni fil-pajjiż.

Għas-sena 2019, il-Gvern se jinvesti f'*tunnel x-ray van* għall-ajruport u se jingħata bidu għall-ewwel fażi ta' proġett kbir, b'investiment totali ta' madwar €5 miljun, li permezz tiegħu, il-kunċett ta' *scanning* li llum jeżisti fil-Port Ħieles jiġi replikat fil-Port il-Kbir. Se jkompli wkoll jinvesti fit-Taqsima tal-Klieb, kemm għal xiri ta' aktar klieb kif ukoll għall-bini tal-*Canine Compound* f'Hal Far.

### 7.5 Tisħiħ tas-sigurtà tal-pajjiż

Is-sena d-dieħla il-Korp tal-Pulizija se jara l-kontinwazzjoni ta' diversi proġetti kapitali li bdew matul din is-sena kif ukoll it-twettiq ta' diversi miżuri biex jissaħħu r-riżorsi umani speċjalment fit-titjib fil-kundizzjoni tax-xogħol tagħhom. L-għan aħħari huwa biex iċ-ċittadin jieħu servizz aħjar u jgħix f'soċjetà aktar sigura. It-tisħiħ tas-sigurtà huwa prijorità għal dan il-Gvern.

Għas-sena 2019, permezz ta’ bini ta’ Command and Control Room ġdida, il-Korp se jkun attrezzat bl-aħħar teknoloġija fl-immaniġġjar tal-operat tiegħu. Il-proġett għandu jwassal għal aktar sigurtà fil-pajjiż u rispons aktar immedjat mill-pulizija meta dawn jiġu hekk mitluba.

Se jitkompla l-proġett mifrux fuq numru ta’ snin ta’ l-immodernizzar tal-vetturi tal-Korp kemm għas-sezzjonijiet speċjalizzati kif ukoll għall-uffiċini distrettwali. Se jsir investiment sostanzjali sabiex issir qabża fil-kwalita’ fl-apparat użat mit-taqsimiet tal-RIU u l-SIU.

Għaddej xogħol estensiv fit-titjib tal-infrastruttura tat-Taqsima tal-Forensika. Barra minn hekk, ser ikun hemm investiment f’dak li hu apparat aktar modern u titkompla l-mixja lejn l-akkreditazzjoni tal-laboratorju.

L-Akkademja għal Korpi Dixxiplinati se tkun qed tippjana biex tkabbar il-campus tagħha billi tkabbar in-numru ta’ klassijiet u tibni librerija u kmamar għat-taħriġ tal-kompjuters, fost l-oħrajn.

Fejn jidħol id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, huwa mistenni li jinbeda eżerċizzju li permezz tiegħu kull stazzjoni tat-tifi tan-nar ikun wieħed siżmiku. Se jkun qed jitlesta l-pjan ta’ strateġija għal din is-sezzjoni għall-għaxar snin li ġejjin. Matul is-sena li ġejja se jkompli l-investiment fil-bdil tal-vetturi u jsir investiment fit-taqsima marittima b’xiri ta’ dinghies u fire boats.

Barra minn hekk, għadu kif twaqqaf il-Joint Innovation Centre (JIC) sabiex jiġi żviluppat l-kunċett ta' Safe City għal bżonnijiet ta' Malta. B'Safe City nifhmu l-użu tà teknoloġiji avvanzanti fl-qasam tat-telekomunikazzjoni, sorveljanza viżiva, u l-informatika bil-għan li tissaħħaħ s-sigurtà fejn ikun jinħtieġ. Fl-aħħar xhur kienet għaddejja ħidma biex ġie nstallat l-apparat neċessarju f'data centre għal użu fuq bażi sperimentali u fejn l-apparat ta' sorveljanza viżiva qiegħed jintuża biss f'ambjent mhux pubbliku u f'rispett sħiħ tal-liġijiet tal-privacy billi jiġu wżati best practices internazzjonali. Matul is-sena d-dieħla, wara konsultazzjoni, din it-teknoloġija se tibda tiġi implimentata f'lokalitajiet bħal Paceville, fejn hemm bżonn li tissaħħaħ is-sigurtà u tiġi kkontrollata mġieba anti-soċjali fil-pubbliku, f'qafas legali u fejn jiġu mħarsa d-drittijiet umani. Inħawi oħra li qed jiġu kkunsidrati jinkludu l-Marsa.

**7.6 Aktar titjib fil-Faċilitajiet korrettivi**

Il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin għaddejja minn bidla li għandha twassal biex tissaħħaħ l-infrastruttura tal-Faċilità nnfisha, jissaħħu r-riżorsi umani u jitjiebu s-servizzi ta' sigurtà, ta' akkomodazzjoni u l-provvista tal-ikel. Ir-residenti tal-Faċilità jibqgħu fiċ-ċentru ta' din ir-riforma kollha sabiex tirrijabilithom, tippreparhom għal futur u tassigurhom li ma jerġgħux jispiċċaw riċedivi.

Ser titkompla tissaħħaħ aktar is-sigurtà, b'investiment f'body scanners, fost l-oħrajn, sabiex jitnaqqas id-dħul illegali ta' sustanzi projbiti.

Ġie kkummissjonat project brief biex jistabbilixxi x'tip ta' binjiet ġodda se jkunu meħtieġa fil-Faċilita' sabiex jiżdied l-ispazju, isir tqassim aħjar ta' priġunieri u anke jkun hemm bini aktar modern.

Hu ppjanat li għas-sena 2019 tinbena binja ġdida fil-Faċilità sabiex ix-xogħol li jsir mir-residenti ma jibqax isir ġewwa ċ-ċelel.

### 7.7 L-Immigrazzjoni Irregolari

Għas-sena 2019 huwa maħsub li titfassal strateġija ġdida ta' kif għandhom joperaw is-Servizzi ta' Detenzjoni biex tibqa' relevanti u timxi maż-żminijiet.

Il-Forzi Armati ta' Malta, se jibqgħu jżommu kollaborazzjoni ma' Aġenziji Ewropej u Forzi militari oħra biex tkompli tissaħħaħ is-sigurta' fil-Mediterran. Tkompli wkoll il-ħidma kontinwa f'operazzjoniiet konnessi mal-immigrazzjoni fejn beħsiebha tibqa' ssostni operazzjoniiet tal-FRONTEX.

### 7.8 Titkompla r-Riforma fil-Qrati

Ir-riforma fil-qasam tal-Ġustizzja tinsab għaddejja ġmielha u bdejna naħsdu l-frott tad-deċiżjonijiet għaqlin li ħadna fl-aħħar snin u li se nkomplu nieħdu.

Matul is-sena d-dieħla, se ndaħħlu fis-seħħ sistema ta' medjazzjoni fil-Bord li jirregola l-kera; se ndaħħlu fis-seħħ liġi li tagħti awtonomija amministrattiva lill-Qrati tagħna, fuq l-istess mudell li l-Parlament ingħata l-awtonomija amministrattiva tiegħu; se nkomplu naħdmu sabiex intejbu l-aċċessibilità għas-servizzi li toffri l-Qorti permezz tal-informatika biex aktar servizzi jkunu offruti online għal benefiċċju taċ-ċittadin u tal-prattikanti tal-Liġi u se nkomplu ninvestu fl-Aġenzija tal-Għajnuna Legali sabiex is-soċjetà Maltija tkun waħda inklussiva anke ma' dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà u l-aċċess għall-ġustizzja tkun żgurata għal kulħadd.

Fuq kollox il-mira waħdanija hi li jkun hemm iktar titjib fl-effiċjenza fil-Qrati tagħna. Jingħad ħafna diskors dwar is-saltna tad-dritt imma ma jingħad kważi xejn fuq l-iktar prinċipju importanti mill-prinċipji kollha - dak li l-ġustizzja trid tiġi servuta fil-ħin u mingħajr dewmien. Għalina din hi l-mira numru wieħed. Wettaqna ħafna u fadal x'isir.

**7.9 Ċittadinanza**

Il-programm ta' Ċittadinanza b'Investiment, mgħaruf bħala IIP, se jkompli jissaħħaħ. Studji konsistentament jikkonfermaw li Malta għandha l-iktar proċess ta' *due diligence* rigoruż fl-industrija, li flimkien mal-kriterji b'saħħithom li għandu l-Programm ta' Investitur Individwali jagħmlu l-aktar wieħed esklussiv fis-suq. Aħna kburin b'dan u se nkomplu naħdmu biex nibqgħu fuq quddiem nett f'dan il-qasam tant importanti għalina.

Il-benefiċċji li qed jiġbed il-programm ta' ċittadinanza lejn pajjiżna jmorru lil hinn minn dawk finanzjarji. Malta qed tattira investiment ġdid, talent u riżorsi umani. L-applikanti qed ikunu wkoll ta' għajnuna għal ħafna għaqdiet filantropiċi lokali permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji diretti li qed jagħmlu d-differenza fis-soċjetà Maltija.

Programm ieħor li qed iħalli l-ġid f'pajjiżna huwa dak ta' residenzi u visas magħruf aħjar bħala l-*Malta Residency and Visa Programme*.

Dan il-Programm se jkompli jiġġedded u jissaħħaħ sabiex nibqgħu kompetittivi ma' pajjiżi oħra li għandhom Programm ta' Residenza b'Investiment bħalu.

It-tkabbir ekonomiku bla preċedent li qed jesperjenza pajjiżna poġġa pressjoni akbar fuq is-suq tax-xogħol, tant, li min iħaddem qed ikollu jirrikorri għall-ingaġġ ta' ħaddiema barranin. Filwaqt li ġie ssimplifikat l-proċess li bih jinħareġ il-permess ta' residenza u xogħol, fosthom bl-introduzzjoni tal-permess temporanju tax-xogħol, se jintbagħat sinjal ċar li r-regoli qegħdin hemm biex ikunu osservati minn kulħadd. Fid-dawl ta' dan, Identity Malta se twaqqaf *unit* t'infurzar sabiex tara li r-regoli jkunu mħarsa. Identity Malta se tkun qed tintroduċi aktar faċilitajiet *online* u testendi aktar servizzi f'Għawdex.

## 7.10 Ħidma barra minn Xtutna

Matul is-sena d-dieħla, sejrin inkomplu bil-promozzjoni tal-Kummerċ bit-tkomplija ta' relazzjonijiet bilaterali u multilaterali li Malta għandha ma' Stati oħra. Dan se jsir kemm permezz tal-ħidma kontinwa mill-missjonijiet diplomatiċi tagħna mxerrdin madwar id-dinja kif ukoll permezz ta' żjarat ta' livell għoli, kemm tagħna f'pajjiżi oħrajn kif ukoll ta' esponenti ewlenin ta' Gvernijiet barranin u organizzazzjonijiet multilaterali f'Malta.

Barra minn hekk, wara li ħabbarna d-deċiżjoni li niftħu l-ewwel missjoni diplomatika Maltija fil-Għana, għaddejja l-ħidma biex dan ikun jista' jseħħ fl-aqsar żmien possibbli.

## 7.11 Inkomplu ninvestu f'Għawdex

Dan il-Gvern jemmen bis-sħiħ fil-potenzjal ta' Għawdex. Jemmen li Għawdex għandu jkun imnebbaħ minn strateġija li tħares fit-tul. Dan kien l-għan ewlieni wara t-twaqqif tal-Awtorità Reġjonali għal Għawdex, Awtorità li se jkollha r-responsabilita' li timplimenta l-istrateġija reġjonali ta' Għawdex.

Sur President, dan huwa Gvern li jimpurtah u huwa sensittiv għall-bżonnijiet tal-Għawdxin speċjalment fejn jirrigwardja t-traġitt bejn Malta u Għawdex. Dan il-baġit se jkun stqarrija ċara ta' kemm dan il-Gvern ma' jaċċettax l-istatus quo imma jrid titjib fil-kwalita' tal-ħajja. Għalhekk sejjer

inħabbar numru ta' miżuri importanti ħafna li se jkomplu jibnu fuq l-inizjattivi li ttieħdu fis-snin li għaddew.

## 7.12 Aktar għajnuna finanzjarja għal pazjenti li jridu jivvjaġġaw bejn iż-żewġ Gżejjer

Filwaqt li dan l-Gvern qed iwettaq qabża fil-kwalita' fis-settur tas-saħħa f'Għawdex bil-preżenza ta' Barts u l-bini tal-isptar ġdid, konxji wkoll li hemm numru ta' Għawdxin li għadhom imorru Malta għall-trattamenti u interventi speċjalment tal-kanċer.

Għalhekk, mill-1 ta' Jannar li ġej, l-għajnuna li tingħata taħt l-iskema *travel reimbursement for patients undergoing treatment cancer at Mater Dei*, se tiġi riveduta billi tingħata wkoll lill-adult li jkun qed jakkumpanja lill-pazjent. Din se tingħata wkoll lill-pazjenti Maltin li jmorru għal trattamenti ġewwa Għawdex. Se tingħata wkoll *allowance* addizzjonali biex ittaffi l-piż tal-akkomodazzjoni f'Malta jew f'Għawdex skont il-każ.

## 7.13 Aktar għajnuna finanzjarja għall-impjegati Għawdxin li jaħdmu mal-Gvern u jridu jivjaġġaw bejn iż-żewġ Gżejjer

Sur President, il-Gvern huwa knoxju li hemm bosta ħaddiema Għawdxin li ta' kuljum jivjaġġaw bejn iż-żewġ Gżejjer u dawn ingħaqdu biex jorganiżżaw trasport kollettiv miċ-Ċirkewwa għal-post tax-xogħol.

Mis-sena d-dieħla, biex ikompli jinkoraġġixxi t-trasport kollettiv, barra li se jibqa' jagħti t-*tax credit* lill-kumpaniji privati biex jorganizzaw trasport kollettiv għall-ħaddiema fis-settur privat, il-Gvern sejjer jagħti kumpens parzjali ta' €1.50 kuljum lill-ħaddiema tal-Gvern Għawdxin li jorganizzaw trasport kollettiv.

Mal-elf ħaddiem mistennija jgawdu minn din il-miżura.

### 7.14 Estensjoni tal-*Gozitan Works Subsidy*

Mill-1 ta' Jannar 2019 ukoll, il-ħaddiema kollha Għawdxin li jaħdmu Malta, se jibdew ikunu intitolati għal *Gozitan Works Subsidy*. Dan iffiser li għall-ewwel darba, qed titneħħa d-distinzjoni u anomalija li eżistiet sa issa, li huma biss il-ħaddiema li jaħdmu mal-Gvern, jingħataw din l-għajnuna li tikkonsisti fir-rifuzzjoni tal-biljett tal-vapur. Madwar tlett elef persuna li jaħdmu mal-privat se jgawdu minn din il-miżura.

### 7.15 Aktar għajnuna għall-studenti Għawdxin li jistudjaw u jgħixu Malta

Bla dubju ta' xejn, l-istudenti Għawdxin jkollhom jgħixu u jikru post f'Malta biex ikomplu l-istudji tagħhom f'istituzzjonijiet terzjari.

Għalhekk se jibqgħu għaddejjin id-diskussjonijiet bejn il-Ministeru t'Għawdex u entitajiet ekkleżjastiċi biex dawn joffru numru ta' postijiet

ta’ alloġġi għal studenti Għawdxin b’kirjiet raġonevoli. Fl-istess waqt il-Gvern, mis-sena d-dieħla sejjer jestendi s-sussidju li jingħata lill-persuna taħt l-iskema ta’ akkomodazzjoni mħaddma mill-Awtorità tad-Djar lill-istudenti Għawdxin taħt ċertu kundizzjonijiet.

Aktar dettalji jingħataw ’il quddiem.

## 7.16 Inċentiv għall-ħolqien ta’ mpjiegi f’Għawdex

Il-miżura li introduċejna din is-sena, fejn qed jingħata inċentiv finanzjarju meta jiġi maħluq impjieg ġdid mas-settur privat f’Għawdex, billi għal kull impjegat li jiġi offrut kuntratt ta’ tliet snin jew iżjed, tingħatalu rifużjoni ta’ 30 fil-mija tal-paga medja ta’ impjegat sa massimu ta’ €6,000, se tkun estiża għas-sena d-dieħla wkoll.

## 7.17 Investiment f’Housing Soċjali

Konxji mir-realtajiet soċjali kif ukoll l-impenn tal-Gvern b’risq l-akkomodazzjoni soċjali, il-ħidma wkoll se testendi għall-gżira Għawdxija permezz ta’ blokka ta’ appartamenti ġodda u moderni li tissodisfa l-istandards ta’ aċċessibbiltà u bini *eco-friendly* fil-*housing estate* taċ-Ċawla fir-Rabat, Għawdex.

## 7.18 Aktar proġetti

Se jitkomplew il-proġetti kapitali biex jitwettqu proġetti bħall-SME village, d-Dar tal-Anzjani, l-proġett ta' San Frangisk, il-farm sperimentali tax-Xewkija u l-Qorti l-ġdid.

Pero' qed isir xogħol biex jinbdew proġetti oħra utli għall-Għawdex. Ix-xogħol tal-proġett tal-*park and ride* hu maħsub mhux biss biex jindirizza l-problema ta' parkeġġ fil-port tal-Imġarr, iżda wkoll f'kuntest usa ta' proġett u strateġija biex innaqsu l-emissjonijiet f'Għawdex u għalhekk investiment fil-kwalità tal-arja.

Matul l-2019, ser jingħata spinta għax-xogħol b'mod pararell fil-lokalitajiet ta' Marsalforn u x-Xlendi bl-implimentazzjoni taż-żewġ *masterplans* rispettivi. Komponent importanti fix-xogħol ta' Marsalforn huwa r-riġenerazzjoni tal-Menqa kif ukoll li jiġu iffinalizzati l-pjanijiet finali biex jerġa' jinbena mill-ġdid l-*breakwater* ta' Marsalforn.

Sed jingħata bidu għall-proġett akwatiku għal Għawdex, dak tal-*Gozo Aquatic Centre*. Dan hu proġett li se jindirizza l-bżonnijiet tal-komunità sportiva akwatika Għawdxija kif ukoll servizzi terapewtiċi u t-turiżmu sportiv.

Rigward il-proġett tal-mina bejn Malta u Għawdex, irrid nirrapporta li dan il-Gvern qiegħed iżomm l-impenn tiegħu sabiex jibni konnessjoni permanenti bejn Malta u Għawdex. Il-mudell ġeoloġiku ta' taħt qiegħ il-baħar fiż-żona ta' interess tlesta u matul ix-xahar ta' Settembru sar seminar bil-għan li jkunu spjegati s-sejbiet minn dawn l-investigazzjonijiet. Dawn l-istudji se jiffurmaw il-bażi għad-disinn tal-mina.

### 7.19 Promozzjoni għal Għawdex

Wara s-suċċessi tal-festivals tematiċi hekk kif imħabbar fil-baġit li għadda, issa imiss illi nkomplu nibnu fuq dan is-suċċess. Dawn il-festivals qed iservu bħala attrazzjoni biex Għawdex sar attrazzjoni turistika distinta matul is-sena kollha.

# 8. GĦAL ĦAJJA AĦJAR

## 8.1 Insaħħu l-edukazzjoni għal uliedna

Il-Gvern se jkompli jinvesti fl-Edukazzjoni sabiex insaħħu tabilħaqq il-kwalità, l-ekwità u l-inklużjoni sabiex jintlaħqu dejjem aktar tfal.

Issa sejrin nimxu fuq it-tielet fażi tal-pjan imsejjaħ "Il-Vjaġġ Tiegħi – Nasal minn Toroq Differenti", fażi fejn l-istudenti se jkollhom l-opportunità jagħżlu programmi ta' tagħlim aktar rilevanti għalihom u għall-ġejjieni tagħhom u ta' pajjiżna skont l-abbiltajiet tal-istudenti infushom. Din ir-riforma hija msejsa mill-valuri tal-inklużjoni, ġustizzja soċjali, ekwità u diversità.

## 8.2 Inkomplu ninvestu fl-għalliema

Wara li din is-sena l-edukaturi kollha bbenefikaw minn pakkett finanzjarju u kundizzjonijiet ta' impjieg aħjar, se nkomplu naħdmu biex l-edukaturi jkunu mħarrġa għar-realtajiet tal-lum kif ukoll sabiex inkomplu ninvestu u nagħtu l-aħjar tagħlim lill-istudenti tagħna.

Għalhekk se nkunu qed niftħu korsijiet ġodda u nintroduċu metodi ġodda ta' tagħlim. B'hekk l-edukaturi, kemm ġodda kif ukoll dawk fis-servizz, jingħataw taħriġ biex isaħħu l-pedagoġija u jkomplu jaġġornaw ruħhom ma' metodi ġodda ta' tagħlim b'mezzi moderni, bħalma huma korsijiet *on-line,* biex ikunu jistgħu joffru kwalità ogħla ta' tagħlim.

L-Istitut għall-Edukazzjoni se jiżviluppa korsijiet biex jagħti l-opportunità lill-għalliema *supply* f'livelli differenti biex wara li jtemmu l-korsijiet meħtieġa b'suċċess isiru eliġibbli għal pożizzjoni ta' għalliema regolari. Se jkun hemm ukoll il-possibbilità li professjonisti li jridu jbiddlu l-karriera tagħhom u jsiru għalliema li jagħmlu l-kors meħtieġ għal dan il-għan.

Fejn tidħol infrastruttura, sejrin inkomplu bl-immodernizzar tal-iskejjel tagħna, u s-sena d-dieħla sejrin niffukaw fuq l-iskola li tinsab ġewwa Ħal Qormi.

**8.3 Edukazzjoni Inklussiva**

Sur President, flimkien mar-riformi kurrikulari l-oħra li qed jiġu introdotti, se ngħinu sabiex nilħqu dejjem aktar studenti ta' abbiltajiet differenti.

Għal dan il-għan, se nkomplu nsaħħu t-tagħlim ta' ilsna differenti biex iżjed studenti jiksbu l-ħiliet li jħaddmu tajjeb ilsna differenti barra l-Malti u l-Ingliż.

Se naħdmu wkoll biex iżjed studenti jagħżlu suġġetti mill-oqsma tax-xjenza, teknoloġija u l-matematika. Se nsaħħu r-rabtiet bejn l-edukazzjoni sekondarja u l-qasam post-sekondarju (bħall- MCAST, Junior College, Sixth Forms u ITS) biex iżjed żgħażagħ ikomplu u jtemmu programmi edukattivi rilevanti wara li jagħlqu s-16 -il sena.

L-Istrateġija tal-Gvern hu li nkomplu nneħħu l-istress minn fuq l-istudenti u ninvestu fil-*wellbeing* ħolistiku tal-istudent.

Gradwalment, se jkunu qed jiġu mneħħija l-eżamijiet ta' nofs is-sena u minflokhom tiġi introdotta s-sistema ta' assessjar kontinwu.

Se nniedu wkoll kampanja edukattiva fuq l-importanza ta' dieta bilanċjata u nutrittiva.

**8.4 Eżamijiet bla ħlas**

Sur President, matul is-sena skolastika li għaddiet, dan il-Gvern wettaq waħda mill-miżuri ewlenin ta' din il-leġiżlatura; dik li l-ħlasijiet għall-eżamijiet tas-SEC u l-MATSEC bdew ikunu ta' inqas piż fuq l-applikanti billi nofs l-ispiża ta' dawn l-eżamijiet bdew jiġu mħallsa mill-Gvern.

Mis-sena d-dieħla, se jitneħħa kompletament il-ħlas minn fuq l-eżamijiet tal-MATSEC u tas-SEC. Għalhekk fi żmien sentejn ta' din il-leġiżlatura, wettaqna din il-wegħda hekk importanti.

## 8.5 Apprendistat

Bħala parti mill-impenn tal-Gvern sabiex nassiguraw li nkomplu ntejbu l-apprendistat u kull xorta ta' esperjenza li studenti jkollhom fuq il-post tax-xogħol, *work based learning*, se jiġi ddisinjat u implimentat qafas ta' assigurazzjoni tal-kwalità. Dan se jkompli jiżgura li kull min jagħmel parti minn programmi ta' taħriġ jkun iktar lest biex jintegra ruħu fid-dinja tax-xogħol.

Barra minn dan, se ssir reviżjoni tal-klassifikazzjoni tal-korsijiet offruti mill-Università ta' Malta, l-MCAST u Istituti Edukattivi oħra liċenzjati. B'din ir-reviżjoni tal-korsijiet, se tinċentiva aktar studenti jagħżlu korsijiet li l-industrija għandha bżonn.

## 8.6 Iż-Żgħażagħ

Wara li tajna l-vot liż-żgħażagh ta' 16 -il sena, il-Gvern se jsaħħaħ il-Parlament taż-Żgħażagħ billi se nħeġġu aktar żgħażagħ jipparteċipaw u ngħinu liż-żgħażagħ jiksbu l-ħiliet neċessarji sabiex dawn ikunu kapaċi jieħdu deċiżjonijiet responsabbli filwaqt li jgħarrfu l-importanza tas-sehem tagħhom fis-soċjetà.

Se niżviluppaw servizz ta' *youthwork* reġjonali billi dan is-servizz jipprovdi proġetti ta' edukazzjoni informali ġewwa l-iskejjel u wara l-ħin tat-tagħlim formali.

## 8.7 Servizzi tas-Saħħa Ġodda

Sur President, ninsab konvint li l-poplu Malti u Għawdxi apprezza mhux ftit il-passi l-kbar li għamilna fil-qasam tas-saħħa. U dan se nkomplu nsaħħuh tul is-sena d-dieħla.

Matul l-2019, sejrin nistabbilixxu numru ta' servizzi ġodda tas-saħħa. Ewlenin fosthom huma numru ta' faċilitajiet li se jkunu qed isaħħu s-settur tas-saħħa mentali. Dan is-settur kien minsi għal ħafna snin u għaldaqstant il-Gvern jemmen li wasal iż-żmien li jingħata l-attenzjoni mistħoqqa.

Il-Gvern se jibda jinvesti fi Klinika tas-Saħħa Mentali fit-Tramuntana ta' Malta, kif ukoll Ċentru ta' Matul il-Jum u *hostels* li jkunu qed jippermettu li pazjenti bi problemi minuri ta' natura mentali jkunu jistgħu jibqgħu jgħixu fil-komunità u jibqgħu attivi kemm jistgħu.

Se nkunu qed inniedu investiment ieħor, b'risq it-tfal b'diffikultajiet li ma jippermettulhomx jipparteċipaw bis-sħiħ fis-sistema edukattiva tagħna, bħal pereżempju tfal affettwati mill-awtiżmu. Se tiġi żviluppata klinika speċjalizzata fl-Iskola Primarja tal-Marsa li se tkun qed tipprovdi *Sensory Integration Therapy* lil dawn it-tfal minn madwar il-gżejjer Maltin.

Iċ-*Children and Young People Services* (CYPS) li bħalissa qed jagħmel parti mill-Isptar San Luqa se jinstablu post alternattiv u aktar addattat.

Għaddejjin ukoll preparamenti għal sptar ġdid akut fil-viċinanzi ta’ Mater Dei u li hemm il-ħsieb li jkun jinkludi *Psychiatric Outpatients.*

Sadanittant, l-investiment fis-servizzi tal-Isptar Mater Dei se jibqa’ jintensifika. Se jingħata bidu għal bini ta’ blokka ġdida għas-servizz tal-*outpatients* fl-Isptar Mater Dei, liema blokka se tkun attrezzata aħjar minn dik eżistenti, u li se tippermettilna nespandu s-servizzi *inpatient* fis-sezzjoni li llum tospita l-*outpatients.* Abbinat ma’ dan il-proġett se jibda xogħol fuq *car park* taħt l-art ta’ madwar 500 spazju għall-parkeġġ.

Investiment f’ servizzi oħra ġodda bħal *Robotic Surgery*, it-tisħiħ ta’ servizzi eżistenti bħal dak tal-IVF u tqegħid ta’ apparat ġdid inkluż l-MRI f’Mater Dei, qed jiġu elenkati f’ Tabella 8.1

**Tabella 8.1 Servizzi Ġodda f' Mater Dei**

| |
|---|
| Se jkompli wkoll l-investiment f'servizzi ġodda, bħal dak tar-*robotic surgery*. Dan huwa tagħmir *state-of-the-art* li jippermetti l-kirurgi tagħna jagħmlu operazzjonijiet bi preċiżjoni kbira. S'issa kull pazjent li kellu bżonn din it-tip ta' operazzjoni kellu jintbagħat barra minn Malta.<br><br>Servizzi eżistenti se jkomplu jkunu msaħħa aktar, bħas-servizz tal-IVF li se jingħata fondi addizzjonali biex ikun jista' jitwettaq il-pjan tal-Gvern, kif stabbilit fil-liġi l-ġdida u l-protokolli ġodda li ġew approvati aktar kmieni din is-sena. Ta' min isemmi wkoll li se jitkompla l-programm intensiv ta' manutenzjoni u *upgrades* f'Mater Dei, wara li din is-sena biddilna u upgradjajna s-sistema tal-arja kundizzjonata, żewġ *cath suites* u apparat kliniku ieħor. Se nkomplu ntejbu, inbiddlu u nżidu apparat u sistemi li jwasslu biex il-pazjenti tagħna jkollhom l-aqwa servizz possibbli f'Mater Dei. Fost l-apparat ġdid f'Mater Dei hu ppjanat li jibda x-xogħol biex tiġi installata t-tielet MRI f'dan l-isptar. Se jibdew ukoll provi ta' sistemi innovativi ta' moniteraġġ attiv ta' pazjenti b'ċertu kundizzjonijiet. Dan għandu jwassal għal interventi iżjed f'waqthom. |

Madankollu, il-Gvern mhux qed jinsa l-impenn tiegħu lejn il-kura primarja. Ftit tal-gimgħat ilu, infetaħ Ċentru tas-Saħħa ġdid ġewwa Ħal Kirkop. Kompla l-proċess taċ-Ċentru Pubbliku tas-Saħħa f' Raħal Ġdid u li ser jkun qed ikopri primarjament il-bżonnijiet tal-popolazzjoni tan-naħa t'isfel ta' Malta. Qed nippjanaw ukoll li nestendu dan il-mudell lejn in-naħa ta' fuq tal-ġżira.

Se jkompli x-xogħol fit-tisbiħ u modernizzar tal-bereġ fl-ibliet u rħula ta' Malta u Għawdex, kif ukoll se jkompli l-programm estensiv ta' rinnovar b'installazzjoni ta' apparat modern fiċ-ċentri kollha tas-Saħħa f'Malta. F'Għawdex se jinfetaħ Ċentru tas-Saħħa ġdid u modern fir-Rabat.

Il-progetti li l-Gvern qed iwettaq bi sħab ma' *Stewards Health Care* jkomplu jieħdu l-ħajja. Wara li fil-ġranet li ġejjin se jiġi nawgurat l-*Anatomy Centre* f'Għawdex, is-sena li ġejja titlesta u tibda tintuża l-*Medical School* l-ġdida ta' *Barts* f'Għawdex. Dan kif dan ix-xahar beda t-tieni *intake* ta' studenti tal-mediċina ta' *Barts.*

Bl-investiment f'infrastruttura ġdida tal-informatika fil-Ministeru għas-Saħħa, se testendi s-sistemi eżistenti f'setturi ġodda.

Il-Gvern hu kommess li jkompli jsostni s-servizzi ġodda indirizzati lil persuni *Trans* b'tim multidixxiplinarju kif ukoll b'mediċini u proċeduri ġodda.

B'inizjattiva bejn il-Gvern u l-*Hospice Movement* u l-Knisja ta' Malta, il-Gvern se jissapportja t-twaqqif ta' Ċentru ġdid San Mikiel li se jkun qed jipprovdi  għajnuna paljattiva professjonali lill-pazjenti fl-aktar mumenti kritiċi ta' ħajjithom. Dan se jkun ukoll qed jipprovdi *respite* lill-qraba li wkoll ikunu qed jgħaddu minn dawn il-mumenti diffiċli.

**8.8 Bank Nazzjonali tad-Demm**

Grazzi għal Fondi għal Żvilupp Reġjonali Ewropew, kif ukoll Fondi EEA mogħtija mill-Gvern Norveġiż, se nkunu wkoll qed naġġornaw is-servizzi tal-Bank Nazzjonali tad-Demm permezz ta xiri ta makkinarju ġdid. Aktar informazzjoni tingħata f'tabella 8.2.

**Tabella 8.2 Bank Nazzjonali tad-Demm**

| |
|---|
| Dan il-makkinarju ser jippermetti *screening* għal numru ta' mardiet ġodda li qegħdin ifiġġu fl-Ewropa f'dawn l-aħħar żminijiet. Apparti minn dan, il-Bank tad-Demm se jkun qed jespandi r-rwol tiegħu billi jistabbilixxi Ċentru għad-Demm, Tessuti u Ċelloli. Din is-sena mistenni jinbeda l-bini ta' dan iċ-ċentru ġdid.Tajjeb infakkru li, matul ix-xhur li ġejjin, se nkunu qed niftħu l-possibbilità ta' donazzjoni tad-demm għal kulħadd, independenti mill-orjentazzjoni sesswali tad-donatur . Minflok, il-possibbilità ta' donazzjoni tad-demm se tkun ibbażata fuq l-evalwazzjoni tar-riskju. Nemmnu li din il-miżura mhux biss twassal għal aktar ugwaljanza fost iċ-ċittadini, imma anke għal żieda fin-numru ta' donaturi tad-demm f'Malta u Għawdex |

**8.9 Mediċini ġodda**

Il-Gvern, se jkompli jinvesti f'aktar mediċini biex jassigura l-kura ta' aktar pazjenti Maltin u Għawdxin, u jkompli jtejjeb l-aċċess għall-aħjar kura li għandhom il-persuni l-aktar vulnerabbli f'pajjiżna. Dan se nagħmluh billi nżidu aktar trattamenti innovattivi tal-kanċer.

Għal dan il-għan ġie mwaqqaf kumitat li se jkun qed jikkunsidra talbiet għal mediċini għal mard jew kumplikazzjonijiet rari, liema trattament ma jkunx diġà fuq il-formolarju tal-Gvern għal dik il-kundizzjoni, u li ħafna drabi jiswa eluf ta' Ewro kull pazjent. Għaldaqstant, il-Gvern se jivvota somma sostanzjali ta' flus biex tibda titwettaq din il-miżura.

Se nkunu qed ninvestu aktar fil-kura ta' mard infettiv bħall-Epatite Ċ u l-HIV bil-ħsieb li neliminaw din il-marda mill-gżejjer Maltin. Matul is-sena d-dieħla ukoll il-mediċini tal-prostata ser jiżdiedu fuq il-formolarju tal-Gvern.

Fir-rigward tad-dijabete, wara illi din is-sena daħħal l-*isticks* għall-monitreragg taz-zokkor mingħajr ħlas għall-pazjenti kollha bid-dijabete, dan il-Gvern se jespandi s-servizzi f'dan is-settur matul l-2019.

Tajjeb inżidu li se nkunu qed nibdew investiment f'sistema ġdida awtomatika li ser tgħin fil-preparazzjoni u l-ippakkjar tal-mediċini li jitqassmu lill-persuni fil-komunità.  L-għan hu li tiżdied l-effiċjenza u s-sigurtà f'dan il-proċess.

## 8.10 Strateġija u riċerka

Il-Gvern jifhem li, f'settur vast bħas-saħħa, hemm bżonn ta' pjan strateġiku fit-tul sabiex nassiguraw li, bl-investiment tagħna, nolqtu firxa wiegħsa ta' nies u nieħdu ħsieb li ħadd ma jibqa' lura.  Ghal dan il-għan se jitwettaq pjan strateġiku ġdid għas-snin 2020-2030. Aktar dettalji jingħataw f' Tabella 8.3

**Tabella 8.3 Pjan strateġiku ġdid għas-snin 2020-2030**

| |
|---|
| Dan il-pjan se jkun qed jindirizza setturi li s'issa forsi kienu mwarrba, fosthom dak tas-saħħa mentali. Il-Gvern iħoss li għandu jindirizza n-nuqqas ta' diversi leġiżlazzjonijiet oħra li dejjem ħallew dan is-settur fil-ġenb.<br><br>Bħal dejjem, il-Gvern dejjem isejjes l-istrateġija tiegħu fuq l-evidenza u r-riċerka. Għaldaqstant qiegħed diġà jinvesti f'numru ta' stħarriġ u riċerka bħall-*European Health Interview Survey* u, l-proġett finanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew, dwar inugwaljanzi soċjali fis-saħħa f'Malta.<br><br>Settur ieħor li l-Gvern iħoss li għandu bżonn jiġi aġġornat b'mod urġenti huwa l-qasam tal-ġenetika. L-avvanzi li tagħmel ix-xjenza f'dan il-qasam huma mgħaġġla ħafna u Malta għandha bżonn iżomm il-pass. Għaldaqstant il-Ministeru għas-Saħħa se jkun qed jaħdem mal-Università ta' Malta biex ikompli jiżviluppa dan is-settur, mhux biss bħala servizz tas-saħħa imma anke mill-aspett ta' riċerka. Settur ieħor fejn il-Gvern iħoss li r-riċerka hija investiment huwa dak tal-kanċer. Kif imwiegħed fil-pjan nazzjonali għall-Kanċer, il-Gvern ser ikun qed jaħdem biex fl-2019 iniedi fondazzjoni li tiffaċilita l-qasam tar-riċerka klinika. |

## 8.11 Aktar investiment fl-i*Sport*

Sur President, il-Gvern huwa impenjat li jkompli jsaħħaħ l-infrastruttura sabiex l-atleti tagħna jiksbu riżultati tajbin. Għalhekk se jissoktaw it-tħejjijiet b'rabta max-xogħol fuq il-pixxina *indoor* fil-Kumpless tal-Isport tal-Kottonera sabiex l-isport akwatiku jieħu l-ispinta li jeħtieġ sabiex ikompli jżid mas-suċċessi ta' dawn l-aħħar snin.

Il-Gvern irid li mhux biss iżid l-ispazji miftuħa fejn jirrikrejaw ruħhom il-familji, speċjalment it-tfal, iżda li l-ispazji eżistenti jinżammu tajjeb. Fis-snin li għaddew, federazzjonijiet sportivi nazzjonali investew f'postijiet

simili u għaddewhom lill-Kunsilli Lokali. Sfortunatament, għal raġunijiet differenti, numru minn dawn l-*open spaces* u *pitches* ma ġewx miżmuma tajjeb u llum uħud minnhom ma jistgħux jintużaw bl-aħjar mod jew saħansitra huma postijiet fejn iweġġgħu t-tfal. SportMalta identifikat 18-il post simili fi 15-il lokalita madwar Malta u Għawdex. Il-Gvern se jimbarka fi programm ta' sentejn li matulhom dawn l-*open spaces* u *pitches* se jsiru mill-ġdid b' investiment ta' €600,000.

Wara li s-sena li għaddiet rajna l-ewwel applikazzjonijiet ta' għaqdiet sportivi sabiex jikkummerċjalizzaw il-faċilitajiet tagħhom, matul is-sena li ġejja huwa mistenni li nibdew naraw il-frott tal-liġi li konna għaddejna biex għaqdiet sportivi, speċjalment klabbs tal-futbol, ikunu jistgħu jagħmlu l-qabża għall-professjonaliżmu.

Kif diġà għamel fil-passat, il-Gvern se jkompli jħarrax il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-isport. Wara li daħlet il-liġi kontra l-korruzzjoni fl-isport, issa l-Gvern se jwaqqaf il-Korp għall-Integrità tal-Isport. Din għandha taħdem id f'id mal-assoċjazzjonijiet sportivi nazzjonali, mal-Pulizija u mal-Awtorita' Maltija għal-logħob, sabiex ikompli jkollna l-isport Malti nadif mill-qerq kif ukoll jeduka lit-tfal biex jikbru f'ambjent ta' sport nadif u integru.

Flimkien mal-*Maltese Olympic Committee* ser tkun qed tiġi mfassla strateġija nazzjonali għall-isport għall-għaxar snin li ġejjin. Nemmnu bis-sħiħ illi r-riżultati li l-atleti tagħna ġabu f'dawn l-aħħar snin jistgħu u

għandhom jitjiebu u għalhekk din l-istrateġija mhux ser tkun immirata biss lejn it-tkattir ta' parteċipanti fl-isport iżda l-kisba ta' rebħ u medalji f'kull dixxiplina sportiva possibbli fil-manifestazzjonijiet sportivi internazzjonali l-kbar.

### 8.12 Kultura

Il-wirt kulturali li għandu l-poplu Malti mhux żgħir u jinħtieg kura biex inħarsuh għall-ġejjieni. Mis-sena d-dieħla l-istudenti kollha li jattendu skejjel sal-livell sekondarju tal-Istat, tal-Knisja jew Indipendenti se jkunu intitolati biex iżuru flimkien ma' żewg adulti magħhom is-siti u l-muzewijiet ta' Heritage Malta mingħajr ma jħallsu l-miżata tad-dħul. Dan l-access se jkun qed jingħata kuljum is-sena kollha bla limitu.

### 8.13 Valletta 2018 – Il-Legat

Valletta 2018 kienet esperjenza straordinarja li poġġiet il-kultura f'livelli li ma konniex rajna bħalhom qabel.

Kif tintemm il-ħidma tal-Fondazzjoni Valletta 18 fi tmiem din is-sena, il-Gvern ser jwaqqaf l-Aġenzija Kulturali tal-Belt Valletta biex isservi bħala punt ta' referenza ewlenija għall-iżvilupp u attivitajiet kulturali fil-Belt Kapitali u sabiex il-legat li ħalla warajh Valletta 2018 jitkompla. L-Aġenzija ser tħares ukoll l-impenn biex ir-riġenerazzjoni kulturali tal-Belt tibqa' għaddejja, bil-għan li jissaħħaħ l-impatt fuq l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-Belt. Dan se jwassal biex jgħolli l-livell tal-infrastruttura u s-servizzi.

Sur President, irrid insemmi li fi ftit ġimgħat oħra sejjer jiġi inawgurat il-Mużew MUŻA filwaqt li jitkompla x-xogħol fuq iċ-ċentru internazzjonali tal-arti kontemporanja, MICAS.

## 8.14 Il-ġlieda kontra l-Vjolenza Domestika

Lil hinn mill-kliem fieragħ, bil-fatti saħħaħna l-ġlieda kontra l-vjolenza domestika permezz ta' strateġija nazzjonali dwar il-vjolenza domestika u dik abbażi tal-ġeneru. Din l-istrateġija waslet għat-traspożizzjoni sħiħa tal-Konvenzjoni t'Istanbul bil-liġi li għaddejna f'April li għadda. B'hekk illum għandna pieni ferm aktar ħorox għall-aggressuri u protezzjoni ferm aħjar għall-vittmi ta' din il-pjaga soċjali.

Dan kollu se nkomplu nikkonsolidawh fis-sena li ġejja b'aktar impenn sabiex inkomplu nnaqqsu din il-pjaga.

## 8.15 Aktar Riformi

L-għajta li dan il-Gvern jibqa' l-aktar wieħed riformista fl-istorja politika Maltija, għadha tgħodd. Kienet sena fejn komplejna naħdmu biex pajjiżna jagħmel qabża liberali oħra 'l quddiem bil-fatti.

Għall-ewwel darba fl-elezzjonijiet ta' ftit xhur oħra, kull żagħżugħ u żagħżugħa li għandhom tal-inqas sittax-il sena se jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tal-vot. Malta se tkun it-tieni pajjiż fl-Unjoni Ewropeja li tat dan id-

dritt liż-żgħażagħ. Għal darb'oħra kellu jkun dan il-Gvern li jikteb l-istorja ta' pajjiżna.

Is-sena li ġejja se tkun sena oħra importanti fejn se nieħdu d-deċiżjonijiet li għal snin twal twarbu. Deċiżjonijiet kuraġġużi li għandhom jiddistingwuna fuq min aħna.

L-2019 se tkun is-sena kruċjali li fiha, għall-ewwel darba bħala pajjiż ikollna pjan nazzjonali kontra t-traffikar uman. Għall-ewwel darba, se jsir l-akbar investiment li qatt sar f'kampanja edukattiva b'saħħitha sabiex nagħtu aktar għarfien lill-pubbliku ta' kif jista' jagħraf każijiet potenzjali ta' traffikar uman.  Se nuru tolleranza zero mal-kriminali.

Se nuru l-istess attitudni mat-traffikanti tad-droga. Il-parti li jmiss fir-riforma tal-Kannabis hi li niżviluppaw strateġija nazzjonali fuq dan is-suġġett. Se noħolqu mudell imsejjes fuq il-prinċipju li uliedna jeċċellaw f'dixxiplini differenti. Irriduhom l-aħjar, l-aqwa u 'l bogħod minn kull sustanza. Għal dan il-għan se nkunu qed noħolqu numru ta' inċentivi li se jikkumpimentaw il-kampanja edukattiva.

Il-Gvern wera wkoll bil-fatti li huwa l-aktar wieħed femminista li qatt ra pajjiżna. U biex dan inkomplu nsaħħuh, qegħdin naħdmu fuq riforma li hija essenzjali biex dan il-Parlament ikun aktar rappreżentattiv tal-poplu Malti u Għawdxi. Ir-riforma għall-Parlament aktar ugwali issa waslet f'fażi oħra. Wara li s-sena li għaddiet inħoloq kumitat tekniku li mexxa sensiela

ta’ laqgħat ma’ *stakeholders*, fil-ġimgħat li ġejjin, il-Gvern se jippubblika *green paper* bħala parti minn proċess ta’ konsultazzjoni mal-pubbliku. Dan bi tħejjija għal numru ta’ emendi legali li se jkunu qed jiġu ppreżentati fil-Parlament sabiex wara jiddaħħlu fil-Kostituzzjoni. Kif għandna mandat mill-poplu, se naraw li jkun hemm rappreżentanza aktar bilanċjata fil-Parlament.

### 8.16 Il-Qasam tal-Volontarjat

Se nkunu qegħdin nippubblikaw u nippromovu l-istrateġija nazzjonali għall–qasam tal–volontarjat. Mhux biss, iżda l-Gvern se jkompli jgħin u jinkoraġġixxi l-Għaqdiet Volontarji billi se jżid il-kategorijij ta’ dawk l-għaqdiet li jgawdu minn eżenzjoni mit-taxxa. Għaldaqstant mis-sena d-dieħla, dawk l-għaqdiet volontarji żgħar li l-introjtu tagħhom matul is-sena ma jaqbiżx l-€10,000 ser ikunu jiġu eżentati milli jħallsu taxxa. Dawk l-għaqdiet iridu jkunu reġistrati u konformi mal-Kummissarju dwar l-Għaqdiet Volontarji taħt il-kategoriji rikonoxxuti mill-istess Kummissarju.

### 8.17 Fondi Ewropej u d-Djalogu Soċjali

Sur President, fl-2019 se nkomplu bin-negozjati biex pajjiżna jaċċerta “a fair deal” fejn jidħlu l-Fondi Strutturali u ta’ Koeżjoni li Malta se tkun qed tirċievi wara l-2020.  Barra minn hekk, se tkompli ħidma li bdiet diġa biex intejbu l-operat u nġibu iktar riżultati f’dak li huma programmi ta’ Fondi Ewropej ċentrali bħalma huma l-*Horizon2020; Life; Creative Europe* u oħrajn.

Hu ppjanat li fl-2019 tiġi organizzata l-ewwel konferenza f'Malta bl-isem *Europaforum* biex niddiskutu r-rwol ta' Malta fl-Unjoni Ewropea u l-futur tal-proġett Ewropew.

Dan il-Gvern jemmen bi sħiħ fi djalogu soċjali u għalhekk għal darb'oħra saħħaħ ir-riżorsi tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD) waqt li kompla jinvesti fil-MEUSAC. B'kontinwazzjoni ma' dak li wettaqna sa issa, matul is-sena li jmiss se jitwaqqaf il-'*Competitiveness Board*' fi ħdan l-MCESD, b'allokazzjoni finanzjarja adegwata biex jilħaq l-għanijiet tiegħu waqt li jservi ta' xprun għat-tkabbir ekonomiku ta' pajjiżna.

# 9. GĦELUQ

Sur President,

Il-baġit bħalma jaf kulħadd huwa miżgħud bin-numru ta' dik il-miżura u tal-oħra.

Bil-permess tiegħek nixtieq inżid ftit numri oħra. Mill-wieħed sas-sebgħa biss, jekk ma jimpurtax.

Għaliex il-bagit għas-sena d-dieħla,
Se jkun l-ewwel baġit għal ħafna miżuri ġodda li huma bla preċedent,
Huwa wkoll it-tieni baġit bla taxxi,
Huwa t-tielet baġit b'*surplus* fil-finanzi pubbliċi,
Huwa r-raba' baġit b'żieda għall-pensjonanti tagħna,
Huwa l-ħames baġit li qed joffri l-*In-work benefit*,
Huwa s-sitt baġit li se jkompli joffri *childcare* b'xejn,
Huwa fl-aħħarnett, is-seba' baġit bi tnaqqis fit-taxxi.

Hu għalhekk li nistgħu ngħidu li Malta - Ngħixu s-Suċċess.

***STATEMENT* A**

| SORS | | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | **DĦUL 2018 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT** | | | | |
| **DĦUL MIT-TAXXI** | | | | | | |
| Diretti - | Taxxa tad-Dħul | 1,564,000,000 | 1,682,000,000 | 118,000,000 | - | B'riżultat ta' aktar titjib fl-effiċenzja, mistenni dħul aktar mit-Taxxi sal-aħħar tas-sena meta mqabbel ma' dak previst waqt il-preparazzjoni tal-baġit. |
| | Sigurta` Soċjali | 920,000,000 | 958,000,000 | 38,000,000 | - | B'riżultat tal-qagħda fl-impjiegi mistenni jimmaterjalizza dħul akbar taħt il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Soċjali. |
| Indiretti - | Dwana u Sisa | 317,000,000 | 317,100,000 | 100,000 | - | Dħul akbar mistenni jimmaterjalizza meta mqabbel ma' dak previst waqt il-preparazzjoni tal-baġit taħt *Petroleum* u *Cement,* filwaqt li huwa stmat anqas dħul taħt *Machine-made cigarettes* u fuq spirti. |
| | Liċenzji, Taxxi u Multi | 329,435,000 | 366,553,000 | 37,118,000 | - | Dħul akbar minn dak oriġinarjament previst mistenni mit-taxxa fuq dokumenti u t-taxxa fuq ir-reġistrazzjoni tal-karozzi. |
| | Taxxa fuq il-Valur Miżjud | 835,500,000 | 889,000,000 | 53,500,000 | - | B'riżultat ta' aktar titjib fl-effiċenzja, mistenni dħul aktar mit-Taxxa fuq il-Valur Miżjud sal-aħħar tas-sena meta mqabbel ma' dak previst waqt il-preparazzjoni tal-baġit. |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL MIT-TAXXI** | | **3,965,935,000** | **4,212,653,000** | **246,718,000** | | |

***STATEMENT* A**

**DĦUL 2018 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL IEĦOR** | | | | | |
| Drittijiet ta' Uffiċċju | 63,333,000 | 74,714,000 | 11,381,000 | - | Iż-żidiet ta' dħul fuq dak previst huma primarjament mistennija mill-*Individual Investor Programme* u r-*Residency and Visa Programme u* dħul mill-*Energy Performance Certificates.* |
| Ħlas lura lid-Dipartimenti | 34,399,000 | 43,734,330 | 9,335,330 | - | Dħul akbar mill-istima oriġinali mistenni jimmaterjalizza sal-aħħar tas-sena minn *Infrastructure Fees* miġbura mill-Awtorita' tal-Ippjanar. |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 50,000,000 | 35,000,000 | - | 15,000,000 | Mistenni dħul anqas bħala riżultat ta' konsiderazzjonijiet prudenti li saru. |
| Kera | 32,190,000 | 31,790,000 | - | 400,000 | Dħul akbar mistenni jimmaterjalizza meta mqabbel ma' dak previst waqt il-preparazzjoni tal-baġit taħt *Perpetual Leases,* filwaqt li huwa stmat anqas dħul taħt *Rent of Property occupied by Government Departments* . |

*STATEMENT A*

| SORS | DĦUL 2018 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT | | | | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| | ESTIMU APPROVAT | ESTIMU RIVEDUT | BIDLA | | |
| | | | + | - | |
| | € | € | € | € | |
| Profitti minn Investimenti | 43,800,000 | 41,508,000 | - | 2,292,000 | Dħul anqas sal-ahhar tas-sena jirrifletti d-dħul attwali fuq *Dividends* . |
| Interessi fuq self mogħti mill-Gvern | 276,000 | 276,000 | - | - | |
| Għotjiet Barranin | 127,652,000 | 154,410,000 | 26,758,000 | - | Id-differenza fid-dħul għal din is-sena huwa dovut fuq dħul minn proġetti rimburżati mill-Unjoni Ewropeja. |
| Dħul Mixxellanju | 32,465,000 | 32,723,000 | 258,000 | - | Dħul akbar huwa mistenni minn *Proceeds from Auctioning of Emission Trading Units* u *Miscellaneous Receipts* , filwaqt dħul anqas mistenni minn *Sale of Government Lands* , u *Premium receivable from sale of MGSs.* |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL IEĦOR** | **384,115,000** | **414,155,330** | **30,040,330** | | |
| **DĦUL TOTALI** | **4,350,050,000** | **4,626,808,330** | **276,758,330** | | |

*STATEMENT* A

| SORS | DĦUL 2018 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT | | | | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| | ESTIMU APPROVAT | ESTIMU RIVEDUT | BIDLA | | |
| | | | + | - | |
| | € | € | € | € | |
| **DĦUL MHUX ORDINARJU** | | | | | |
| Dħul minn bejgħ ta' ishma | 350,000,000 | 300,000,000 | - | 50,000,000 | Id-differenza fuq dak previst hija riżultat tal-ammont attwali ta' self meħtieġ din is-sena. |
| Ħlas lura ta' self mogħti mill-Gvern | 2,000 | 2,000 | - | - | |
| Dħul ninn bejgħ ta' Ismha | 889,000 | 889,000 | - | - | |
| Dħul Straordinarju | 90,000,000 | 91,000,000 | 1,000,000 | - | Din ir-reviżjoni tirrifletti id-dħul attwali minn konverżjoni ta' *Stocks* tal-Gvern. |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL MHUX ORDINARJU** | **440,891,000** | **391,891,000** | | **49,000,000** | |
| **DĦUL GLOBALI** | **4,790,941,000** | **5,018,699,330** | **227,758,330** | | |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2018: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 Uffiċċju tal-President | 5,094,000 | 6,176,000 | 1,082,000 | - | Il-varjanzi huma prinċipalment minħabba l-*items Travel* u *Equipment* fil-kategorjia *Operational and Maintenance Expenses.* |
| 2 Kamra tad-Deputati | 10,103,000 | 6,763,000 | - | 3,340,000 | It-tnaqqis seħħ primarjament fir-*Rent* minħabba ż-żmien meħtieġ għall-*handover* tal-bini tal-Parlament. |
| 3 Uffiċċju tal-*Ombudsman* | 1,150,000 | 1,150,000 | - | - | |
| 4 Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika | 3,400,000 | 3,400,000 | - | - | |
| 5 Uffiċċju tal-Prim Ministru | 41,324,000 | 45,730,000 | 4,406,000 | - | Meta wieħed jipparaguna mal-istimi oriġinali, hija stmata żieda taħt il-kategorija ta' *Programmes and Initiatives* prinċipalment taħt *Hosting of International Conferences,* kif wkoll permezz tat-tisħiħ ta' l-inizzjattiva tas-*Servizz.gov* fil-kategoriija *Contributions to Government Entities.* |
| 6 Informazzjoni | 1,284,000 | 1,302,000 | 18,000 | - | |
| 7 Stamperija tal-Gvern | 1,412,000 | 1,486,000 | 74,000 | - | |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2018: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 8 | Uffiċċju Elettorali | 3,577,000 | 3,477,000 | - | 100,000 | |
| 9 | Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku | 677,000 | 682,000 | 5,000 | - | |
| 10 | Ministeru għas-Saħħa | 575,480,000 | 605,686,000 | 30,206,000 | - | Il-varjanza hija dovuta għal spiża akbar taħt il-kategorija *Personal Emoluments* (*Salaries and Wages* u *Allowances*), il-kategorija *Programmes and Initiatives* partikolarment taħt *Special Treatment by Foreign Experts*, *Medicines & Surgical Materials* u *Mental Health Services* taħt il-kategorija *Contributions to Government Entities.* |
| 11 | Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar | 19,028,000 | 21,253,000 | 2,225,000 | - | Nefqa addizzjonali hija meħtieġa għall-*Malta Enterprise* fil-kategorija *Contributions to Government Entities.* |
| 12 | Kummerċ | 1,923,000 | 1,785,000 | - | 138,000 | |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2018: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 13 Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol | 284,525,000 | 303,661,000 | 19,136,000 | - | L-ammonti pprovduti oriġinarjament kellhom jiġu supplimentati minħabba l-Programmes and Initiatives prinċipalment *Church Schools, Maintenance Grants, Learning Support Assistance in Private Schools, Afternoon School Programme - Skola Sajf* u *Child Care for All.* |
| 14 Edukazzjoni | 237,285,000 | 259,928,000 | 22,643,000 | - | Żieda hija mistennija taħt il-kategorija ta' *Personal Emoluments (Salaries and Wages)* , u *Allowances* , taħt *Transport, Contractual Services* u *Equipment* tal-kategorija *Operational and Maintenance Expenses* u taħt *Programmes and Initiatives (Extension of School Transport Network).* |
| 15 Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma | 77,536,000 | 100,789,000 | 23,253,000 | - | Il-kategorija *Programmes and Initiatives* (*Feed in Tariff)* kif ukoll *Engineering Resources Ltd u Water Services Corporation* fil-kategorija *Contributions to Government Entities* huma mistennija li sal-aħħar tas-sena jirriżultaw f'żieda fl-ispiża ta' dan il-Ministeru. |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2018: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 16 Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza | 19,642,000 | 20,790,000 | 1,148,000 | - | Iż-żieda fl-ispiża hija pproġettata prinċipalment taħt l-*Utilities, Travel, Contractual Services* u *Professional Serivces* taħt il-kategorija tal- *Operational and Maintenance Expenses* . |
| 17 Xogħol u Relazzjonijiet Industrijali | 1,568,000 | 1,503,000 | - | 65,000 | |
| 18 Ministeru għall-Finanzi | 151,942,000 | 156,276,000 | 4,334,000 | - | Hemm tnaqqis fl-ispejjeż tal-*Programmes and Initiatives* taħt l-*EU Own Resources* li ġie parzjalment utiliżżat biex ikopri l-*Compensation Payments* u *Court Judgements* li ħabtu matul din is-sena. Fondi addizzjonali huma meħtieġa għall-*Financial Intelligence Analysis Unit* fil-kategorija *Contributions to Government Entities.* |
| 19 Politika Ekonomika | 1,457,000 | 1,664,000 | 207,000 | - | |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2018: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 20 It-Teżor | 13,583,000 | 25,271,000 | 11,688,000 | - | L-ispiża taħt il-kategorija ta' *Programmes and Initiatives* ser tkun ogħla milli oriġinarjament maħsuba minħabba t-*Tax Relief Measure* . |
| 21 Ħlasijiet fuq Self | 658,999,000 | 648,362,000 | - | 10,637,000 | L-ispiża taħt is-self lokali ser tkun anqas milli mbassar f' *Interest (MGS)* u *Early Repayments of MGRSB.* |
| 22 Taxxi Interni | 8,604,000 | 9,634,000 | 1,030,000 | - | Mistennija varjanza taħt il-kategorija *Contractual Services* u fil-kategorija *Programmes and Initiatives* prinċipalment taħt *Refund of Succession Duty and Stamp Duty.* |
| 23 V.A.T. | 7,325,000 | 11,117,000 | 3,792,000 | - | Spiża akbar taħt *Programmes and Initiatives* hija mistennija minn dak originarjament imbassar minħabba l-konkorrenza akbar fuq il-*VAT Refunds* u *Expenditure Reporting Schemes.* |
| 24 Dwana | 11,990,000 | 11,790,000 | - | 200,000 | |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2018: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 25 Kuntratti | 1,591,000 | 1,666,000 | 75,000 | - | |
| 26 Ministeru għat-Turiżmu | 94,596,000 | 101,836,000 | 7,240,000 | - | Il-kategoriji ta' *Personal Emoluments* (*Salaries and Wages* u *Allowances), Programmes and Initiatives* (*Malta Freeport Interest Payments)* u l- *Contributions to Government Entities,* (*Malta Tourism Authority)* huma mistennija li jikkawżaw żieda fl-ispiża sal-aħħar tas-sena. |
| 27 Ministeru għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali | 13,716,000 | 14,478,000 | 762,000 | - | Fil-kategorija *Contributions to Government Entities* hija mistennija żieda fl-infiq minħabba żieda fl-*Agency for Welfare of Asylum Seekers* |
| 28 Forzi Armati ta' Malta | 51,628,000 | 53,338,000 | 1,710,000 | - | Fondi supplimentari huma meħtiega taħt il-kategorija *Personal Emoluments* u taħt *Rent* u *Contractual Services* fil-kategorija *Operational and Maintenance Expenses.* |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2018: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 29 Pulizija | 61,375,000 | 66,939,000 | 5,564,000 | - | Inizzjattivi ġodda meħuda mill-Puluzija rriżultaw f'varjanzi taħt il-kategorija ta' *Personal Emoluments (Salaries and Wages, Allowances* u *Overtime).* |
| 30 Servizzi Korrettivi | 12,387,000 | 14,115,000 | 1,728,000 | - | Iz-żieda fl-ispiża hija mistennija taħt il-kategorija Personal Emoluments (*Salaries and Wages* , *Allowances* u *Overtime)* . |
| 31 *Probation* u *Parole* | 1,165,000 | 1,224,000 | 59,000 | - | |
| 32 Protezzjoni Ċivili | 6,186,000 | 6,159,000 | - | 27,000 | |
| 33 Ministeru għall-Ġustizzja , Kultura u Gvern Lokali | 65,193,000 | 68,068,000 | 2,875,000 | - | Spiża addizzjonali hija meħtiega taħt *Salaries and Wages* u *Allowances,* fil-kategorija ta' *Personal Emoluments,* taħt *Materials and Supplies* u *Transport* fil-kategorija *Operational and Maintenance Expenses,* u fil-kategorija ta' *Programmes and Initiatives* taħt *Environmental Upgrade Campaign.* Fondi oħra ġew pprovduti lil-*Malta Philharmonic Orchestra* u *Malta Competition and Consumer Affairs Authority* taħt il-kategorija ta' *Contributions to Government Entities* . |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2018: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 34 Servizz Ġudizzjarju | 15,404,000 | 18,836,000 | 3,432,000 | - | Żieda stmata fil-kategorija ta' *Programmes and Initiatives* primarjament f' *Summoning & Expenses of Witnesses, Jurors and Experts in Criminal Court Trials,* skond ix-xoghol li kien meħtieġ. |
| 35 Gvern Lokali | 43,769,000 | 43,959,000 | 190,000 | - | |
| 36 Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima | 96,651,000 | 102,662,000 | 6,011,000 | - | Varjazzjonijiet huma mistennija taħt il-kategorija ta' *Personal Emoluments* (*Salaries and Wages*, u *Allowances)*, l-*Environmental and Resources Authority* u *Malta Resources Authority* fil-kategorija *Contributions to Government Entities.* |
| 37 Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ | 33,573,000 | 32,368,000 | - | 1,205,000 | Spiża anqas hija mistennija tiġi rreġistrata taħt il-kategorija ta' *Personal Emoluments* (*Salaries and Wages)*. |
| 38 Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali | 86,123,000 | 96,344,000 | 10,221,000 | - | Hija meħtieġa żieda fil-kategorja *Personal Emoluments* (*Salaries and Wages* u *Allowances)*, fil-kategorija *Operational and Maintenance Expenses* taħt *Professional Services* u taħt il-kategorija *Programmes and Initiatives* (*PSO -Public Transport, PSO Inter-Island Transportation, Dues to Malita Investments, Grant for Electrical Vehicles u Tal-Linja Card).* |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2018: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 39 Ministeru għal Għawdex | 33,211,000 | 37,390,000 | 4,179,000 | - | Hija mistennija varjazzjoni fl-ispiża taħt il-kategorija *Personal Emoluments* (*Salaries and Wages* u *Allowances)* biex jagħmel tajjeb għall-impjiegi kif wkoll taħt il-kategorija *Programmes and Initiatives* bħal *Cultural Initiatives* u *Work and Training Exposure Scheme.* |
| 40 Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali | 80,151,000 | 85,095,000 | 4,944,000 | - | Mistennija żieda fl-infiq taħt il-kategorija ta' *Personal Emoluments* (*Salaries and Wages* u *Allowances)* biex jagħmel tajjeb għall-impjiegi kkonċernati. Varjanzi huma mistennija taħt il-kategorja Programmes and Initiatives prinċipalment taħt *Residential Homes for Persons with Disabilty* u *Public Social Partnerships.* Żieda fl-infiq huwa mistenni fil-kategorija *Contributions to Government Entities* taħt *Foundation for Social Welfare Services* . |
| 41 Politika Soċjali | 314,905,000 | 327,776,000 | 12,871,000 | - | Iż-żieda fl-ispiża hija primarjament minħabba żieda fl-*State Contribution* taħt il-kategorija *Programmes and Initiatives* riflessa f'żieda ta' kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Soċjali. |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2018: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 42 | Benefiċċji tas-Sigurta' Soċjali | 982,250,000 | 971,000,000 | - | 11,250,000 | Huwa maħsub tnaqqis taħt il-kategorija ta' *Contributory Benefits,* prinċipalment *Retirement Pensions* and *Widows Pensions* u taħt il-kategorija *Non-Contributory Benefit* bħal *Old Age Pensions, In-Work Benefit* u *DisabilityPensions/Allowance.* Dan se jiġi kkompensat b'żieda fl-ispiża taħt *Bonus* u *Short -Term Benefits* fil-kategorija *Contributory Benefits,* u taħt *Children's Allowances, Social Assistance, Bonus* u *Supplementary Assistance* fil-kategorija *Contributory Benefits.* |
| 43 | Pensjonijiet | 106,140,000 | 110,814,000 | 4,674,000 | - | Varjanza hija mistennija fil-kategorija *Programmes and Initiatives* partikolarment f'*Pensions and Allowances under Pensions Ordinance.* |
| 44 | *Standards* fil-Ħarsien Soċjali | 1,202,000 | 1,284,000 | 82,000 | - | |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2018: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 45 Anzjani u Kura fil-Komunita' | 110,119,000 | 128,078,000 | 17,959,000 | - | Żieda hija maħsuba li sseħħ taħt il-kategorija *Personal Emoluments* (*Salaries and Wages, Allowances u Overtime)* u f'*Operational and Maintenance Expenses (Contractual Services).* Minħabba iż-żieda fid-domanda għas-servizzi prinċipalment taħt il-*Programmes and Initivatives (Residential Care in Private Homes)* hija mistennija li l-ispiża tiżdied. |
| **NEFQA RIKORRENTI TOTALI U ĦLASIJIET FUQ SELF** | **4,350,243,000** | **4,533,104,000** | **182,861,000** | **-** | |

**STATEMENT Ċ**

**NEFQA KAPITALI 2018: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| I | Uffiċċju tal-President | 459,000 | 659,000 | 200,000 | - | Mistennija nefqa akbar minħabba xogħlijiet fir-Residenza Ufficjali ta' Għawdex, fil-bitħa prinċipali ta' Palazz Presidenzjali ta' San Anton u fl-Uffiċċju tal-President. |
| II | Kamra tad-Deputati | 588,000 | 288,000 | - | 300,000 | Nefqa anqas fuq xogħlijiet ta' riabilitazzjoni. |
| III | Uffiċċju tal-Prim Ministru | 39,254,000 | 34,484,000 | - | 4,770,000 | Mistennija spiża akbar primarjament taħt l-*ICT,* xogħlijiet fuq binjiet tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru u tagħmir għall-iStamperija tal-Gvern. Spiża anqas hija antiċipata taħt il-Fondi Strutturali 2014-2020 (liema pagamenti mistennija jitħallsu fl- 2019) u xogħlijiet IAID. |
| IV | Ministeru għas-Saħħa | 35,278,000 | 30,838,000 | - | 4,440,000 | Mistennija nefqa akbar taħt il-Programmi ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropej u l-isptarijiet ta' Mater Dei u Monte Karmeli. Spiża anqas mistennija taħt l-*ICT* , il-Fondi Strutturali 2014 -2020, l-Faċilita' *Connecting Europe* u l-*Financial Mechanisms* tal - EAA/Norveġja 2014-2021 (pagamenti fuq proġetti ko-finanzjati mistennija jitħallsu fl-2019). |

## STATEMENT Ċ

## NEFQA KAPITALI 2018: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| VOT | | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| V | Ministeru għall-Ekonomija , Investiment u Intrapriżi Żgħar | 28,925,000 | 51,682,000 | 22,757,000 | - | L-infiq taħt dan il-Vot mistenni jkun aktar mill-istimi oriġinali primarjament minħabba fondi addizzjonali meħtieġa għall-Inċentivi ta' Investiment taħt ir-responsabbilta tal-*Malta Enterprise.* Spiża anqas hija maħsuba taħt il-Fondi Strutturali 2014-2020 (liema pagamenti mistennija jitħallsu fl-2019). |
| VI | Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol | 58,220,000 | 74,052,000 | 15,832,000 | - | Maħsuba spiża akbar primarjament taħt l-*ICT,* Fondi Strutturali 2014-2020 *u x-Shooting Range.* Parti minn din ż-żieda ser tkun ikkumpensata b'nefqa anqas fuq il-*Waterpolo Pitch ta' Marsaskala, l-Indoor Pool fil-Cottonera Sports Complex u My Journey.* |
| VII | Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġjar tal-Ilma | 8,416,000 | 26,860,000 | 18,444,000 | - | Spiża akbar hija maħsuba primarjament taħt il-Fondi Strutturali 2014-2020*, Direct Management Funds* u l-Fond ta' Koeżjoni 2014-2020. |
| VIII | Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza | 41,692,000 | 41,406,000 | - | 286,000 | Mistennija spiża akbar fuq l-fondi allokati għall-Fond għas-Sigurta' Interna - Fruntieri u Visa, Fond għas-Sigurta' Interna - Pulizija, Fond għall-Integrazzjoni, Migrazzjoni u Ażil. Spiża anqas hija maħsuba taħt il-Fondi Strutturali 2014-2020 (liema pagamenti huma mistennija jintefqu fl-2019). |

**STATEMENT Ċ**

**NEFQA KAPITALI 2018: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| IX | Ministeru għall-Finanzi | 34,998,000 | 100,642,000 | 65,644,000 | - | Spiża akbar hija mistennija primarjament fuq il-kontribuzzjoni lejn it- *Treasury Clearance Fund,* xogħlijiet ta' kostruzzjoni u tagħmir għall-Ministeru u d-Dwana, *Investment -Equity Acquisition* u *Hercule III Programme 2014-2020.* |
| X | Ministeru għat-Turiżmu | 17,089,000 | 19,665,000 | 2,576,000 | - | Infiq akbar minħabba l-bżonn ta' fondi supplimentari meħtieġa għall-Istitut tal-Istudji Turistiċi *(ITS)* u l-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir. Spiża anqas hija maħsuba fuq xogħlijiet ta' riġenerazzjoni u installazzjoni tal-elettriku. |
| XI | Ministeru għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali | 20,448,000 | 19,132,000 | - | 1,316,000 | Spiża anqas milli maħsub mistennija fuq xogħlijiet ta' kostruzzjoni u tagħmir għall-Forzi Armati ta' Malta u għas-Servizzi Korrettivi. Aktar infiq mistenni primarjament taħt il-Fondi Strutturali 2014-2020, tagħmir għad-Dipartiment ta' Żvilupp u Riċerka u xogħlijiet ta' kostruzzjoni u xiri ta' tagħmir għall-Pulizija. |

**STATEMENT Ċ**

**NEFQA KAPITALI 2018: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| XII | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali | 18,984,000 | 23,580,000 | 4,596,000 | - | Spiża addizzjonali hija meħtiega taħt l-*ICT*, Fondi Strutturali 2014-2020, ir-restawr tal-fortizzi, fortifikazzjonijiet u postijiet storiċi, ir-restawr tal-faċċati u xogħlijiet oħra fid-Dar tal-Ammiraljat sabiex jintuża bħala uffiċini għall-Avukat Ġenerali u s-sistema tan-Network fil-Qrati tal-Ġustizzja. Nefqa anqas mistennija fuq il-proġett ta' restawr tal-Knisja tal-Ġiżwiti u xogħlijiet fit-Teatru Manoel. |
| XIII | Ministeru għall-Ambjent , Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima | 50,887,000 | 49,074,000 | - | 1,813,000 | Mistennija nefqa akbar primarjament taħt *ICT*, il-Fond ta' Koeżjoni 2007-2013, il-Programm *Life+* , il-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew 2014-2020, *Direct Management Funds,* il-Fond ta' Koeżjoni 2014-2020 u *l-Environment Landscaping Projects.* Spiża anqas hija maħsuba taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija 2014-2020, *WasteServ Malta Ltd* u l-immodernizzar u xiri ta' tagħmir għall-Biċċerija tal-Gvern, il-Marsa. |
| XIV | Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ | 2,209,000 | 2,528,000 | 319,000 | - | Spiża akbar hija maħsuba taħt il-Fondi Strutturali 2014-2020. |

## STATEMENT Ċ

## NEFQA KAPITALI 2018: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| XV | Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali | 89,609,000 | 91,931,000 | 2,322,000 | - | Huwa mahsub li taħt dan il-Vot ser ikun hemm zieda fl-infiq taħt l- ICT, il-Fondi Strutturali 2014-2020, *Connecting Europe Facility, Malta-Gozo link feasibility study, Enhancement of Public Areas* u *Upgrading of existing storm-water system.* Dan hu kkompensat b'infiq anqas primarjament taħt il-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew 2014-2020, il-Fond ta' Koeżjoni 2014-2020, xogħlijiet ta' riabilitazzjoni u tiswija ta' Djar tal-Gvern. |
| XVI | Ministeru għal Għawdex | 11,176,000 | 8,706,000 | - | 2,470,000 | Spiża ikbar hija mistennija taħt Eko-Għawdex u titjib f'faċilitajiet sportivi. Spiża anqas hija maħsuba primarjament fuq l-iżvilupp tar-Razzett Sperimentali tal-Gvern, il-proġett tal-Pjazza ta' San Franġisk, Riġenerazzjoni tax-Xlendi (inkluż faċilitajiet għall-Cruise Liner), id-Dar tal-Anzjani u l-bini tal-Qorti. |
| XVII | Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali | 16,957,000 | 15,923,000 | - | 1,034,000 | Spiża anqa hija maħsuba l-aktar taħt il-Fondi Strutturali 2014-2020 u d-Day Centre tal-Imtarfa. |
| | **TOTAL CAPITAL EXPENDITURE** | **475,189,000** | **591,450,000** | **116,261,000** | - | |